



Brussell, 19 ta' Jannar 2021  
(OR. en)

5266/21

---

**Fajl Interistituzzjonal:**  
**2021/0012(COD)**

---

**TRANS 14  
CODEC 41  
MAR 3  
COVID-19 6**

**PROPOSTA**

---

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Jannar 2021
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2021) 25 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TALK-KUNSILL li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħha tal-COVID-19 dwar it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, għal perjodi ta' referenza sussegwenti għal dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/698

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 25 final.

---

Mehmuż: COM(2021) 25 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 18.1.2021  
COM(2021) 25 final

2021/0012 (COD)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 dwar it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, għal perjodi ta' referenza sussegwenti għal dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/698**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-PROPOSTA**

#### **• Raġunijiet u objettivi tal-proposta**

L-objettiv tar-Regolament propost hawnhekk huwa li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji addizzjonali applikabbi għat-tiġid u għall-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli u taħriġ perjodiċi, bi tweġiba għaċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mill-pandemija tal-COVID-19 li hawn bħalissa, fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni u s-sigurtà marittima, għal dawk stabbiliti fir-Regolament (UE) 2020/698<sup>1</sup>.

It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi assoċjata tas-saħħha pubblika jippreżentaw sfida bla preċedent għall-Istati Membri u piż kbir għall-awtoritajiet nazzjonali, għaċ-ċittadini tal-UE, u għall-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari fis-settur tat-trasport. Il-kriżi tal-COVID-19 ħolqot ċirkostanzi straordinarji li jaffettwaw l-attivitàajiet normali tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri u l-ħidma tal-impriżzi tat-trasport fir-rigward tal-formalitajiet amministrattivi li għandhom jitwettqu f'setturi differenti tat-trasport. Dawn iċ-ċirkostanzi ma setgħux jiġu antiċipati b'mod raġonevoli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-Unjoni.

Minħabba miżuri pubbliċi li saru meħtieġa fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-operaturi tat-trasport u persuni kkonċernati oħrajn f'ħafna każijiet mhumex f'pożizzjoni li jtemmu l-formalitajiet jew il-proċeduri meħtieġa biex jikkonformaw ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mat-tiġid, mal-estensjoni jew mal-validità kontinwa ta' ċertifikati, liċenzji jew awtorizzazzjonijiet. Barra minn hekk, u għall-istess raġunijiet, huwa possibbli li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u lanqas jindirizzaw it-talbiet rilevanti introdotti mill-operaturi tat-trasport qabel ma jiskadu l-iskadenzi applikabbi.

Għal din ir-raġuni, id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2020/698 estendew il-perjodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u pposponew it-twettiq ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku li, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata, kellhom isiru fil-perjodu bejn l-1 ta' Marzu 2020 (jew l-1 ta' Frar 2020 f'ċerti każijiet) u l-31 ta' Awwissu 2020, għal perjodu ta' 6 xhur (jew ta' 7 xhur f'ċerti każijiet).

Barra minn hekk, ċerti Stati Membri qiesu li t-tiġid ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u t-testija ta' ċertu taħriġ perjodiku jew kontrolli perjodiċi x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbi wara l-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li kienu ħadu biex jipprevjenu jew irażżnu t-tixrid tal-COVID-19. Għalhekk, skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2020/698, huma ppreżentaw talbiet motivati lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni biex japplikaw estensjonijiet individwali ulterjuri għal xi wieħed minn dawk

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-25 ta' Mejju 2020 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 u rigward it-tiġid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, ĠU L 165, 27.5.2020, p. 10.

il-perjodi jew għat-tnejn li huma. Il-Kummissjoni adottat sitt deċiżjonijiet li jawtorizzaw tali estensjonijiet<sup>2</sup>.

It-tifqigħa tal-COVID-19 affettwat lill-Unjoni kollha iżda ma għamlitx dan b'mod uniformi. L-Istati Membri ġew affettwati fi gradi differenti u fi żminijiet differenti. Minħabba li d-derogi mill-atti legali li normalment japplikaw jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa necessary, ir-Regolament (UE) 2020/698 awtorizza lill-Istati Membri biex ikomplu japplikaw dawk l-atti legali mingħajr ma japplikaw id-derogi previsti f'dak ir-Regolament fejn l-applikazzjoni ta' dawk l-atti legali kienet baqgħet prattikkabbli (esklużjoni fakultattiva). F'każ bħal dan, l-Istati Membri kkonċernati kienu intitolati li ma japplikawx id-derogi li jikkonċernaw ċerti atti legali<sup>3</sup>, wara li l-ewwel jinformaw lill-Kummissjoni<sup>4</sup>.

Fil-Komunikazzjoni tagħha Korsiji Ħodor II<sup>5</sup>, il-Kummissjoni qieset li d-dispożizzjonijiet kollha ta' flessibbiltà, inklużi fir-Regolament (UE) 2020/698, intwerew li huma meħtieġa u utli. Barra minn hekk, fid-dawl taż-żieda mill-ġdid tal-COVID-19, il-Kummissjoni ġabbret il-pożizzjoni favorevoli tagħha għall-proponiment ta' aġġornament tar-reġim, b'mod li jippermetti lill-Istati Membri kollha jibbenfikaw minn kwalunkwe deroga meħtieġa, inklużi dawk li għamlu użu mill-possibbiltajiet ta' esklużjoni fakultattiva minn dak ir-Regolament. Madankollu, il-Kummissjoni kkunsidrat li kwalunkwe miżura leġiżlattiva ta' dan it-tip tkun ta' natura *ad hoc*, jiġifieri trid tkun maħsuba għal perjodu speċifiku b'effetti limitati fiż-żmien.

Minkejja ċertu titjib fis-sitwazzjoni provokata mit-tifqigħa tal-COVID-19 matul is-sajf tal-2020, il-persistenza u, f'ċerti każijiet, l-aggravar tal-effetti tal-COVID-19 matul il-ħarifa tal-2020 obbligaw lill-Istati Membri jżommu u, f'ċerti każijiet, issaħħu l-miżuri meħuda għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-pandemija.

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1236 tal-25 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 282, 31.8.2020, p. 19; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1235 tat-26 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Greċja tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 282, 31.8.2020, p. 17; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1219 tat-20 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Italja tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 277, 26.8.2020, p. 16; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1240 tat-21 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Bulgarija tapplika estensjoni għal perjodu speċifikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 284, 1.9.2020, p. 7; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1282 tal-31 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lil-Franza biex tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 11, 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 301, 15.9.2020, p. 9; Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1237 tal-25 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lir-Renju Unit tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 3 u 11 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ĠU L 282, 31.8.2020, p. 22.

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2006/126/KE, ir-Regolament (UE) Nru 165/2014, id-Direttiva 2014/45/UE, ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009, ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 u d-Direttiva 2007/59/KE,

<sup>4</sup> L-avviżi rilevanti ġew ippublikati f'Il-ĠU C 182I tat-2.6.2020, ĠU C 183I tat-3.6.2020, ĠU C 189 tal-5.6.2020, ĠU C 190I tat-8.6.2020, ĠU C 193I tad-9.6.2020 u ĠU C 200I tal-15.6.2020.

<sup>5</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill naġġornaw il-Korsiji Ħodor tat-trasport biex l-ekonomija tibqa' għaddejja matul iż-żieda mill-ġdid fl-ġħadd ta' każijiet tal-pandemija tal-COVID-19, Dokument COM (2020) 685, 28.10.2020.

Minħabba dawk il-miżuri, jibqa' diffiċli għall-operaturi tat-trasport u ġħal persuni kkonċernati oħra jn li jtemmu l-formalitajiet jew il-proċeduri neċċessarji jew passi oħra meħtieġa skont id-dritt tal-Unjoni għat-tiġidid jew għall-estensjoni ta' ċertifikati, liċenzji jew awtorizzazzjonijiet jew għat-tlestija ta' kontrolli perjodiċi jew ta' taħriġ perjodiku, sabiex iżommu l-validità tagħhom.

Għall-istess raġunijiet, huwa possibbli li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membri ma jkunux jistgħu jibqgħu jikkonformaw mal-obbligli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u lanqas jindirizzaw it-talbiet rilevanti introdotti mill-operaturi tat-trasport fi ħdan l-iskadenzi applikabbli.

Sabiex jiġu żgurati l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern u livell għoli ta' sigurtà tat-trasport, biex tiġi pprovduta ċertezza legali, u biex jiġi evitat tfixx-kil potenzjali fis-suq, kif ukoll biex tiġi żgurata l-kontinwità tar-reġim legali, huwa meħtieġ li issa jiġu stabbiliti dispożizzjonijiet temporanji li jestendu l-validità ta' dawk iċ-ċertifikati, il-liċenzji jew l-awtorizzazzjonijiet li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“perjodu ta’ referenza”). Jenħtieġ li dawk id-dokumenti jibqgħu validi għal perjodu raġonevoli ta’ żmien matul u wara t-tifqigħha tal-COVID-19 (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“perjodu ta’ estensjoni”).

Bl-istess mod, jenħtieġ li jiġu estiżi l-limiti taż-żmien għall-formalitajiet rilevanti, u l-validità tal-liċenzji, taċ-ċertifikati u ta’ dokumenti simili jenħtieġ li tinżamm kif xieraq. Fejn rilevanti, għandhom jiġu permessi u jsiru obbligatorji mezzi alternattivi maħsuba biex jippermettu kontrolli xierqa. Dan huwa l-każ pereżempju fil-qasam tat-takografi, f’każ li l-kards tas-sewwieqa jiskadu u l-ħruġ ta’ kard ġdidha ma jkunx fattibbli.

Barra minn hekk, bħal fil-kuntest tar-Regolament (UE) 2020/698, huwa possibbli li minħabba miżuri meħudin mill-Istat Membri kkonċernat, maħsuba biex jipprevjenu jew biex irażżu t-tixrid tal-COVID-19, it-tiġidid taċ-ċertifikati, tal-liċenzji jew tal-awtorizzazzjonijiet jibq'a mhux prattikabbli wara l-perjodu ta’ żmien imsemmi f’dispożizzjoni rilevanti waħda jew oħra fir-Regolament propost. Meta, fuq talba ppreżentata mill-Istat Membri kkonċernat f’tali każ sal-1 ta’ April 2021, il-Kummissjoni ssib li ċ-ċirkostanzi jeħtieġu dan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista’ tawtorizza lill-Istat Membri kkonċernat biex jaapplika estensjoni għall-perjodu jew għall-perjodi rilevanti. Tali estensjoni jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi rifless il-perjodu li matulu, it-tlestija tal-formalitajiet, tal-proċeduri, tal-kontrolli u tat-taħriġ x’aktarx li tibqa’ mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li ma tkunx itwal minn sitt xħur.

Kif iddiċċarat fil-Komunikazzjoni dwar il-Korsiji Ekoloġiċi II, l-att li jistabbilixxi d-derogi għal perjodu addizzjonali lil hinn mill-perjodu ta’ referenza kopert mir-Regolament (UE) 2020/698 jenħtieġ li jipprevedi wkoll il-possibiltà li l-Istat Membri ma jaapplikaw id-derogi kif stabbilit f’dak l-att, fejn l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet applikabbli barra dawk id-derogi, kienet baqgħet prattikabbli.

Għalhekk, b'mod simili għar-Regolament (UE) 2020/698, ir-regolament propost hawnhekk jinkludi wkoll il-possibiltà ta’ esklużjoni fakultattiva fejn l-Istat Membri ma kinux, u x’aktarx ma jkunux, ikkonfrontati b’diffikultajiet li jagħmlu t-tiġidid tal-liċenzji, taċ-ċertifikati u tal-awtorizzazzjoni jew il-posponiment tal-kontrolli perjodiċi u tat-taħriġ mhux prattikabbli matul il-perjodu ta’ referenza bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-

tifqigħha tal-COVID- 19, jew fejn ikunu ħadu miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqsu dawn id-diffikultajiet. L-Istat Membru li jkun iddeċċieda li ma japplikax tali derogi ma għandux jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq tali derogi li japplikaw fi Stat Membru ieħor. Qiegħed jiġi propost li din il-possibbiltà tiġi estiża għal derogi (li jikkorrispondu għal atti legali speċifiċi) li ma kinitx prevista għalihom fir-Regolament (UE) 2020/698. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet tagħhom li ma japplikawx id-derogi previsti f'dan ir-Regolament qabel ma d-dispożizzjonijiet sostantivi tiegħu jsiru applikabbli.

- Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

Il-leġiżlazzjoni kkonċernata b'dan ir-Regolament ma fihix dispożizzjonijiet espliċiti, li jippermettu l-estensjoni tal-validità taċ-ċertifikati, tal-awtorizzazzjonijiet jew tal-liċenzji f'sitwazzjonijiet bħal dawk maħluqa mill-kriżi tal-COVID-19. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi adottati dispożizzjonijiet rilevanti sabiex jitqiesu l-effetti tal-kriżi attwali u sabiex tiġi pprovduta ċertezza legali lill-individwi u lill-operaturi ekonomiċi, kif ukoll lill-awtoritajiet tal-Istati Membri.

- Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

Il-funzjonament effettiv tas-suq intern fit-trasport u fis-servizzi relatati jiddependi fuq il-forniment kontinwu tas-servizzi tat-trasport mill-operaturi. Il-konsegwenzi negattivi tal-kriżi attwali jistgħu, minħabba l-impossibbiltà li l-impriżi jissodisfaw ir-rekwiżiti applikabbli, jikkompromettu t-twettiq tal-attività tagħhom. Dan jista' jirriżulta wkoll f'nuqqas ta' persunal disponibbli għal tali aktività, minħabba n-nuqqas tad-dokumenti validi neċċesarji li jippermettulhom jeżerċitaw il-professjoni tagħhom b'mod legali. Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament propost ikomplu jsegwu l-objettivi tar-Regolament (UE) 2020/698 biex jindirizzaw dan it-tħassib maġġuri billi jiżguraw ċertezza legali u jippermettu l-eżerċitar tal-professjonijiet fit-trasport.

## **2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ**

- Bażi ġuridika**

Il-proposta hi bbażata fuq l-Artikolu 91 u fuq l-Artikolu 100(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

- Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Skont il-prinċipju tas-sussidjarjetà, l-azzjoni tal-UE tista' tittieħed biss jekk l-għanijiet previsti ma jkunux jistgħux jintlaħqu mill-Istati Membri waħedhom. Il-kwistjonijiet li jwasslu għal din il-proposta huma relatati mat-termini tad-dritt tal-Unjoni u għalhekk jistgħu jiġi rrimedjati biss permezz ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, jiġifieri fil-forma ta' derogi temporanji.

- Proporzjonalità**

Din l-azzjoni tal-Unjoni hija meħtieġa biex jintlaħaq l-objettiv tal-operat xieraq tal-mekkaniżmi previsti mill-partijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, filwaqt li jitqiesu d-daqs u l-

gravità tat-tifqigħa attwali tal-COVID-19. Ir-Regolament propost fih miżuri temporanji mmirati, li huma strettament relatati mat-tifqigħa tal-COVID-19 attwali u limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġu żgurati c-ċertezza legali, is-sikurezza tat-trasport u l-funzjonament bla xkiel tas-suq intern.

- **Għażla tal-istru**

Din il-proposta tikkonċerna dispożizzjonijiet speċifiċi li jaffettaw l-applikazzjoni ta' diversi Direttivi u Regolamenti. Id-dispożizzjonijiet tal-att propost jenħtieġ li japplikaw immedjatament u li jkunu applikabbli direttament sabiex jiggarantixxu ċertezza legali mingħajr dewmien, għall-operaturi tat-trasport u għal persuni kkonċernati oħrajn, kif ukoll għall-awtoritajiet tal-Istati Membri. Il-validità taċ-ċertifikati, tal-awtorizzazzjonijiet u tal-liċenzji rilevanti, kif ukoll l-obbligu li jiġu sottoposti għal kontrolli perjodiċi, taħriġ jew eżamijiet jenħtieġu għalhekk li jiġu estiżi *ex lege*, anki meta l-kwistjonijiet rilevanti jkunu regolati minn Direttiva. Bħal fil-każ tar-Regolament (UE) 2020/698 li għandu l-istess objettivi bħall-proposta attwali, dan l-att leġiżlattiv jenħtieġ li jieħu l-forma ta' Regolament li huwa applikabbli direttament u ma jeħtieġx traspożizzjoni fil-liggi nazzjonali.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Minħabba l-urġenza tal-kwistjoni, ma sarux konsultazzjonijiet formali mal-partijiet ikkonċernati. Madankollu, kemm l-awtoritajiet tal-Istati Membri kif ukoll il-partijiet ikkonċernati talbu lill-Kummissjoni biex tadotta proposta għall-estensjoni tad-derogi inklużi fir-Regolament (UE) 2020/698. B'mod partikolari, il-Kummissjoni kienet f'kuntatt permanenti mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u analizzat regolarmen l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dak ir-Regolament u saret taf mingħandhom is-sitwazzjoni speċifika u t-talbiet tagħhom għall-estensjoni tad-derogi.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Kif spjegat, il-ġbir xieraq tal-għarfien espert ma kienx possibbli minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni.

- **Valutazzjoni tal-impatt**

Minħabba l-urġenza tas-sitwazzjoni, ma saret ebda valutazzjoni tal-impatt. Din il-proposta ma tbiddilx il-prinċipji u l-mekkaniżmi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni kkonċernata u ma timponix obbligi ġodda fuq il-partijiet ikkonċernati. Primarjament għandha l-għan li tipprevedi, għal raġunijiet eċċeżżjoni fil-kuntest tal-pandemija tal-COVID-19 attwali, estensjonijiet għall-validità taċ-ċertifikati, tal-liċenzji jew tal-awtorizzazzjonijiet u ta' ċerti limiti ta' żmien, għal perjodu ta' żmien qasir.

- **Drittijiet fundamentali**

Mhux applikabbli

## **4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĞTARJI**

Mhux applikabbi

## **5. ELEMENTI OĦRA**

- Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u ta' r-rapportar**

Il-miżura ma tinkludi l-ebda arranġament speċifiku dwar il-monitoraġġ jew dwar ir-rapportar. Għadu inċert kif se tiżviluppa l-COVID-19. Jistgħu jseħħu mewġiet sussegwenti ta' infezzjonijiet u dawn jistgħu jwasslu għal lockdowns ġodda. Għandha titqies ukoll is-sitwazzjoni speċifika fi Stati Membri differenti. Għalhekk, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħha, wara talba ppreżentata minn kwalunkwe Stat Membru, li tawtorizza l-applikazzjoni ta' perjodi ta' żmien addizzjonali, b'mod simili għal dak li ġie previst fir-Regolament (UE) 2020/698.

- Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

- Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifika inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-trasport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE<sup>6</sup>.

Id-Direttiva 2003/59/KE tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' kwalifika inizjali u ta' taħriġ perjodiku għal sewwieqa professjonal tat-trakkijiet u tax-xarabanks bl-objettiv li tiġi żgurata ssikurezza fit-toroq Ewropej. L-għan tad-Direttiva huwa li tistabbilixxi standards ta' kompetenza minimi armonizzati madwar l-Unjoni. Id-Direttiva tirrikjedi li s-sewwieqa jsegwu taħriġ inizjali u mbagħad taħriġ perjodiku kull ħames snin. Minħabba l-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19, is-sewwieqa soġġetti għall-obbligu ta' taħriġ jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jikkonformaw miegħu jew jaf ma jkunux jistgħu jgħeddu d-dokumenti li jagħtu prova li jkun ġie osservat l-obbligu ta' taħriġ perjodiku. Huwa għalhekk meħtieġ li tiġi estiżza l-validità taċ-ċertifikati ta' kompetenza professjonal (CPCs), u tal-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni “95” li jsir jew fuq il-liċenzja tas-sewqan jew fuq il-kard tal-kwalifika tas-sewwieq, abbażi ta' tali CPCs jew il-kard tal-kwalifika tas-sewwieq li, f'konformità ma' dawn id-dispożizzjonijiet, tiskadi matul il-perjodu ta' referenza bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021. Il-validità ta' dawn id-dokumenti jenħtieġ li titqies bħala li ġiet estiżza għal perjodu ta' seba' xħur u dawn jenħtieġ li jibqgħu validi kif xieraq sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tat-trasport bit-triq.

- Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-Liċenzji tas-Sewqan (Tfassil mill-Ġdid)<sup>7</sup>.

Id-Direttiva 2006/126/KE tipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġa mill-Istati Membri abbażi ta' mudell tal-Unjoni tal-liċenzja tas-sewqan. Tistabbilixxi

<sup>6</sup> ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4.

<sup>7</sup> ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18.

serje ta' rekwiżiti minimi għal dawn il-liċenzji tas-sewqan sabiex tittejjeb is-sikurezza fit-toroq, tiġi ffaċilitata l-libertà tal-moviment għaċ-ċittadini li jiċċaqilqu ġewwa l-Unjoni u titnaqqas il-possibbiltà ta' frodi. Għalhekk, id-Direttiva introduċiet perjodi ta' validità armonizzati għall-kategoriji kollha tal-liċenzji tas-sewqan. Minħabba l-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19, id-detenturi ta' liċenzja tas-sewqan jaf ma jkunux jistgħu jgħeddu jew jibdlu l-liċenzja tas-sewqan tagħhom. Għalhekk huwa meħtieġ li l-liċenzji tas-sewqan li, skont dawn id-dispożizzjonijiet, kieku kienu jiskadu matul il-perjodu ta' referenza ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jenħtieġ li jitqiesu bħala estiżi għal perjodu ta' seba' xħur sabiex tiġi żgurata l-kontinwitā tal-mobilità bit-triq.

- Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-trasport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' regiżazzjoni għat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-arnonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq<sup>8</sup>.

Il-konformità mar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan, il-ħin tax-xogħol u l-perjodi ta' mistieħ hija essenzjali biex jiġu ppreservati l-prinċipji tas-sikurezza fit-toroq u tal-kompetizzjoni ġusta fis-suq intern tat-trasport bit-triq. It-takografi u l-kards tas-sewwieqa jirreġistraw l-informazzjoni meħtieġa biex tiġi vvalutata l-konformità ma' dawk ir-regoli. F'konformità mal-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014 (“ir-Regolament dwar it-Takografi”), it-takografi għandhom ikunu soġġetti għal spezzjoni minn workshops approvati kull sentejn biex jiġu vvalutati l-karatteristiċi tal-funzjonament korrett, tal-kalibrazzjoni u tas-sigurtà tal-apparat installat fil-vettura. Il-kards tas-sewwieqa huma personali u jinħarġu mill-awtoritajiet nazzjonali għal perjodu ta' ħames snin. Meta tiskadi, il-kard tas-sewwieq trid tiġi mgħedda b'kard ġdid, f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament dwar it-Takografi. F'konformità mal-Artikolu 29 tar-Regolament dwar it-Takografi, jekk il-kard tas-sewwieq ikollha ħsara, tkun qed taħdem ħażin, tintilef jew tinsteraq, is-sewwieq għandu jaapplika, fi żmien sebat ijiem kalendarji, biex din tinbidillu, għand l-awtoritajiet kompetenti tal-Istat Membru tar-residenza normali tiegħi. Dawk l-awtoritajiet għandhom jipprovdulu kard sostituta fi żmien tmint ijiem tax-xogħol minn meta jirċievu talba dettaljata għal dan. L-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet fit-twettiq tal-ispezzjonijiet perjodiċi tat-takografi u fit-tiġidid tal-kards tas-sewwieqa skont l-iskadenzi previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni. Dawn id-diffikultajiet huma dovuti għaċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali attwali relatati mal-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19. F'ċirkostanzi bħal dawn, l-Istati Membri jenħtieġ li jitħallew jawtorizzaw, għal perjodu ta' żmien limitat, iċ-ċirkolazzjoni kontinwata ta' vetturi mgħammra b'takografi li l-ispezzjoni tagħhom ma tkunx saret meta kienet dovuta.

Barra minn hekk, fir-rigward tal-kards skaduti tas-sewwieqa, is-sewwieqa li jkunu talbu kard ġidha skont l-Artikolu 28 tar-Regolament dwar it-Takografi jenħtieġ li jkunu f'pożizzjoni u jkunu obbligati jirrikorru għal alternattivi vijabbli biex iżommu rekord tal-attività tagħhom, sakemm l-awtoritajiet li joħorġu l-kard ikunu ħarġu kard ġidha għas-sewwieq. Il-proċedura prevista fl-Artikolu 35(2) tar-Regolament dwar it-Takografi għal kards tas-sewwieqa li jkollhom ħsara, li jaħdmu ħażin, li jkunu mitlufin jew misruqin, jenħtieġ li tapplika *mutatis mutandis* għal sewwieqa li l-kard tagħhom tkun skadiet. Dan l-approċċ se jiżgura l-bilanċ-

<sup>8</sup>

ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1.

xieraq bejn il-kontinwità meħtieġa tat-trasport u l-ħtieġa li s-sikurezza fit-toroq ma titpoġġiex f'riskju.

- Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tħassar id-Direttiva 2009/40/KE<sup>9</sup>.

Id-Direttiva 2014/45/UE tiddefinixxi r-rekwiżiti minimi armonizzati għall-itteşjar perjodiku tal-affidabilità stradali. Dawn jinkludu b'mod partikolari l-frekwenza tal-itteşjar u bħala konsegwenza l-validità taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali. Minħabba ċ-ċirkostanzi eċċeżżjonali attwali relatati mal-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19, dawn l-attivitajiet jistgħu jsiru mhux prattikkabbli. Għalhekk huwa meħtieġ li t-testijiet tal-affidabilità stradali li għandhom jitwettqu matul il-perjodu ta' referenza bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 ikunu jistgħu jitwettqu f'data aktar tard, iżda mhux aktar tard minn seba' xħur wara l-limitu ta' żmien oriġinali u li ċ-ċertifikati kkonċernati jenħtieġ li jibqgħu validi kif xieraq.

- Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE<sup>10</sup>.

Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati sabiex tiġi eżerċitata l-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. Fiċ-ċirkostanzi attwali, aktar impriżi tat-trasport aktarx li jkunu f'riskju li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni ta' dawk l-impriżi u li jintużaw minnhom, jew ir-rekwiżit tal-kapaċitā finanzjarja, minħabba l-livell imnaqqas ta' attivitā u, konsegwentement, tal-fatturat, li jistgħu jwasslu għal tnaqqis fil-livell tar-riżorsi propriji tagħhom. Minħabba f'hekk, l-operaturi li kieku jkunu vijabbbli strutturalment jistgħu jirriskjaw li jitilfu l-liċenzja operattiva tagħhom, u dan ikun jimplika t-tmiem tal-attivitā tat-trasport tagħhom. B'mod partikolari, huwa mistenni li l-impriżi se jieħdu aktar żmien mis-soltu biex juru li r-rekwiżiti dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tagħhom u li jintużaw minnhom jew ir-rekwiżit ta' kapaċitā finanzjarja, jerġgħu jiġu ssodisfati fuq bażi permanenti. Għalhekk huwa xieraq li l-limitu ta' żmien massimi stabbiliti għal dawk il-finijiet fl-Artikolu 13(1), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jiġu estiżi minn sitt xħur għal tnax-il xahar, fir-rigward tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-impriżi tat-trasport bit-triq ikkonċernati u li jintużaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 5(b) u (c) ta' dak ir-Regolament, u tar-rekwiżit rigward il-kapaċitā finanzjarja ta' dawk l-impriżi, sa fejn dawk il-valutazzjonijiet ikopru l-perjodu ta' referenza kollu jew parti minnu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021. Meta n-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed minn dawn ir-rekwiżiti jkun digħi għie stabbilit u l-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtoritā kompetenti jkun għadu ma skadiex, l-awtoritā kompetenti jenħtieġ li tkun tista' testendi dak il-limitu ta' żmien għal total ta' 12-il xahar.

<sup>9</sup> ġu L 127, 29.4.2014, p. 51.

<sup>10</sup> ġu L 300, 14.11.2009, p. 51.

- Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonal tat-trasport bit-triq tal-merkanzija<sup>11</sup>.
- Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonal tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006<sup>12</sup>.

It-trasport internazzjonal ta' merkanzija bit-triq u t-trasport internazzjonal ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank huwa soġġett għall-pussess ta' liċenzja Komunitarja mit-trasportaturi professionali li jipprovdu dawk is-servizzi, skont il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009 għall-ġarr ta' merkanzija u l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1073/2009 għall-ġarr ta' passiġġieri.

Il-liċenzja Komunitarja tiċċertifika li l-operaturi tat-trasport huma stabbiliti fl-Unjoni u jikkonformaw mar-rekwiżiti meħtieġa biex jipprovdu servizzi tat-trasport internazzjonal. Barra minn hekk, fil-każ ta' ġarr internazzjonal ta' merkanzija, meta s-sewwieq ikun ċittadin ta' pajjiż terz, dan is-sewwieq għandu jkollu attestazzjoni tas-sewwieq skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu II tar-Regolament Nru 1072/2009. Dan jippermetti lill-Istati Membri jivverifikaw b'mod effettiv jekk is-sewwieqa minn pajjiżi terzi humiex impjegati legalment jew humiex legalment għad-dispożizzjoni tat-trasportatur professionali responsabbi għal operazzjoni partikolari tat-trasport.

Il-forniment ta' servizzi regolari bix-xarabank u bil-kowċ huwa soġġett għal awtorizzazzjoni skont id-dispożizzjonijiet stabbiliti fil-Kapitolu III tar-Regolament Nru 1073/2009. Il-proċedura għat-tiġidid tagħhom hija soġġetta wkoll għall-istess proċedura, *mutatis mutandis*. L-awtorizzazzjoni hija soġġetta għal għadd ta' kundizzjonijiet biex tīgħiż tigħiġi. Il-liċenzja Komunitarja u l-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari huma interdipendenti fis-sens li, biex tinħareġ din tal-aħħar, jenħtieġ li persuna tkun fil-pussess ta' liċenzja Komunitarja. Il-liċenzji Komunitarji, l-attestazzjonijiet tas-sewwieqa u l-awtorizzazzjoni għal servizzi regolari bix-xarabank u bil-kowċ jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fuq talba tat-trasportaturi għal perjodi ta' mhux aktar minn għaxar snin (liċenzja Komunitarja) u ħames snin (attestazzjoni u awtorizzazzjoni tas-sewwieq) li jistgħu jiġi. It-tiġidid tagħhom huwa soġġett għall-verifikasi li l-kundizzjonijiet li taħthom ikunu nħarġu għadhom issodisfati. L-Istati Membri infurmaw lill-Kummissjoni bid-diffikultajiet biex iġeddu dawn il-liċenzji, l-attestazzjoni u l-awtorizzazzjoni għal-limti ta' żmien previsti fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni jew biex iwettqu l-kontrolli meħtieġa qabel iġeddu. Dan huwa dovut għaċ-ċirkostanzi eċċeżżjoni attwali relatati mal-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19. Min-naħħa l-oħra, huwa essenzjali li tīgħiż żgurata l-kontinwitā tas-servizzi tat-trasport. Huwa għalhekk meħtieġ li tīgħi estiżha l-validità tal-liċenzji, tal-attestazzjoni u tal-awtorizzazzjoni għal-Komunitarji msemmija hawn fuq għal perjodu ta' żmien limitat.

- Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja<sup>13</sup>.

<sup>11</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72.

<sup>12</sup> ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88.

<sup>13</sup> ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102.

- Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-ħotni tal-liċenzi tal-impriżi tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allocazzjoni tal-kapaċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-piżijiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija)<sup>14</sup>.

Id-Direttiva 2004/49/KE u d-Direttiva (UE) 2016/798 jirregolaw iċ-ċertifikazzjoni u l-awtorizzazzjoni tas-sikurezza fl-Unjoni. Id-Direttiva 2004/49/KE għet revokata bid-Direttiva (UE) 2016/798 b'effett mill-31 ta’ Ottubru 2020. Sa din id-data, kienet għadha tapplika għal dawk l-Istati Membri li estendew il-perjodu ta’ traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2016/798 sal-istess data, skont l-Artikolu 33(2) tal-aħħar Direttiva.

Skont l-Artikolu 10(13) tad-Direttiva (UE) 2016/798, impriżza ferrovjarja għandu jkollha ċertifikat tas-sikurezza uniku maħrūg jew mill-Агентија tal-Unjoni Ewropea għall-Ferroviji jew minn awtorità nazzjonali tas-sikurezza, li għandu jiġġedded mal-applikazzjoni f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames snin. Skont l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, l-awtorizzazzjoni tas-sikurezza tal-maniġers tal-infrastruttura hija valida għal ħames snin.

Skont l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2004/49/KE, ċertifikat tas-sikurezza għandu jiġedded mal-applikazzjoni mill-imprizja ferrovjarja f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames snin. Skont l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2004/49/KE, l-awtorizzazzjoni tas-sikurezza għandha tiġġedded mal-applikazzjoni tal-maniġer tal-infrastruttura f'intervalli li ma jaqbżux il-ħames snin.

Minħabba s-sitwazzjoni straordinarja kkawżata mill-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-awtoritajiet nazzjonali, l-imprizja ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura jiffaċċejaw diffikultajiet fir-rigward tat-tiġid ta’ ċertifikati ta’ sikurezza (uniċi) u ta’ awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza jew, fid-dawl tal-iskadenza li ġejja tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza eżistenti, il-ħruġ ta’ tali awtorizzazzjonijiet għal perjodu sussegwenti. Għalhekk huwa meħtieġ li jiġi estiż il-limitu ta’ żmien għat-tiġid u għall-validità ta’ dawn id-dokumenti biex jiġi żgurat li l-operat tal-imprizja ferrovjarji u tal-maniġers tal-infrastruttura ma jiġix imfixkel. Estensjoni ta’ seba’ xħur għandha tindirizza d-diffikultajiet għall-awtoritajiet nazzjonali tas-sikurezza biex iwettqu spezzjonijiet fuq il-post u jlestu xogħol amministrattiv ieħor meħtieġ.

- Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta’ sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità<sup>15</sup>.

Skont l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2007/59/KE, liċenzja għandha tkun valida għal għaxar snin, soġġett għall-Artikolu 16(1). Minħabba s-sitwazzjoni straordinarja kkawżata mill-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-awtoritajiet kompetenti jiffaċċejaw diffikultajiet biex iġeddu l-liċenzji skont il-kundizzjonijiet preskritti. Il-liċenzji li jkunu waslu biex jiġġeddu fil-perjodu li matulu tali tiġid ikun mhux prattikabbli jenħtieġ li jibqgħu validi għal perjodu addizzjonali ta’ seba’ xħur. Bl-istess mod, is-sewwieqa tal-ferroviji jenħtieġ li jingħataw seba’ xħur addizzjonali biex itemmu l-kontrolli perjodiċi.

<sup>14</sup> ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44.

<sup>15</sup> ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51.

- Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea<sup>16</sup>.

Skont l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, liċenzja tibqa’ valida sakemm l-impriża ferrovjarja tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III ta’ dik id-Direttiva. Awtorità tal-liċenzji tista’ tiddeċiedi, madankollu, li twettaq rieżami regolari. Jekk dan ikun il-każ, ir-rieżami għandu jsir mill-inqas kull ħames snin. It-tifqigħa tal-COVID-19 ħolqot diffikultajiet għall-awtoritajiet tal-liċenzjar biex iwettqu dawn ir-rieżamijiet. Għalhekk, għal każijiet li fihom il-limitu ta’ żmien għall-perjodu ta’ rieżami jiskadi matul il-perjodu ta’ referenza bejn l-1 ta’ Settembru 2020 u t-30 ta’ April 2021, jenħtieġ li dak il-limitu ta’ żmien jiġi estiż b’seba’ xħur f’kull wieħed mill-każijiet ikkonċernati.

L-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/34/UE jispeċifika li f’każ li liċenzja tīgħi sospiża jew revokata għal raġunijiet ta’ nuqqas ta’ konformità mar-rekwiżiż tal-kapaċċità finanzjarja, l-awtorità tal-liċenzjar tista’ tagħti liċenzja temporanja sakemm issir ir-riorganizzazzjoni tal-impriża ferrovjarja, diment li s-sikurezza ma tigħix ipperikolata. Madankollu, il-perjodu massimu ta’ validità ta’ liċenzja temporanja huwa ta’ seba’ xħur. Minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mill-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-awtoritajiet għandhom diffikultajiet serji fit-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti, jiġifieri fir-rigward tal-ħruġ ta’ liċenzji ġodda għall-perjodu wara l-iskadenza ta’ liċenzja temporanja. Għalhekk, il-validità tal-liċenzji temporanji kkonċernati, maħruġin jew li jkunu se jiskadu matul il-perjodu ta’ referenza mill-1 ta’ Settembru 2020 sat-30 ta’ April 2021, jenħtieġ li tiġi estiżha b’seba’ xħur.

L-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2012/34/UE jirrikjedi li l-awtorità tal-liċenzjar tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni għall-ħruġ ta’ liċenzja fi żmien tliet xħur. Madankollu, għar-raġunijiet imsemmija digħi, l-awtoritajiet tal-liċenzjar mhumiex f’pożizzjoni li jaġixxu fil-ħin. Għalhekk qiegħed jiġi propost li dawk l-awtoritajiet jingħataw estensjoni ta’ seba’ xħur f’dan ir-rigward, għall-applikazzjonijiet ippreżentati bejn l-1 ta’ Settembru 2020 u t-30 ta’ April 2021.

Skont id-Direttiva 2012/34/UE, l-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jissospendu jew jirrevokaw il-liċenzja ta’ kwalunkwe impriża ferrovjarja, li tista’ ma tkunx kapaċċi tissodisfa r-rekwiżi tal-kapaċċità finanzjarja. Jekk dan ikun il-każ, l-awtoritajiet jistgħu jagħtu li liċenzja temporanja lil tali impriżi ferrovjarji wara r-revoka jew is-sospensjoni tal-liċenzja. Liċenzja temporanja hija maħsuba biex tippermetti lill-impriża ferrovjarja tirristruttura u twettaq l-attività tagħha, sakemm is-sikurezza ma tkunx kompromessa. Madankollu, l-esperjenza wriet li hija tibgħat ukoll sinjal negattiv ġafna lis-suq dwar il-kapaċċità ta’ impriża ferrovjarja li tibqa’ teżisti, u dan jaggrava l-problemi finanzjarji tagħha, b’mod partikolari f’termini ta’ fluss ta’ flus. Huwa probabbli li ġafna impriżi ferrovjarji, li kienu finanzjarjament stabbli qabel il-kriżi, jiġiċċaw f’sitwazzjoni li fiha, il-liċenzja tagħhom tkun teħtieġ li tiġi sospiża jew revokata, minħabba s-sitwazzjoni finanzjarja tagħhom. Fil-kuntest tal-kriżi attwali, dan jista’ ma jkunx iġġustifikat, b’mod partikolari f’termini ekonomiċi u ta’ sikurezza. Barra minn hekk, l-impriża ferrovjarji jista’ jkollhom bżonn aktar żmien biex jistabbilizzaw finanzjarjament fil-perjodu wara t-trażżeen tat-tifqigħa tal-COVID-19.

Għalhekk qiegħed jiġi propost li l-Istati Membri jitħallew temporanjament iżommu liċenzja eżistenti mingħajr tibdil, jiġifieri jastjenu milli jirrevokawha jew jissospenduha u milli joħorġu liċenzja temporanja, sakemm is-sikurezza ma tkunx f’riskju. L-Istati Membri jibqgħu

<sup>16</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32.

kapaċi jimmonitorjaw il-kapaċità finanzjarja tal-impriżi ferrovjarji inkwistjoni, b'mod partikolari sabiex jipproteġu lill-passiġġieri minn riskji għas-sikurezza bla bżonn. Għaldaqstant, l-impriżi ferrovjarji ma jkunux soġġetti għal restrizzjonijiet mhux xierqa u jkollhom kundizzjonijiet aħjar biex jirkupraw finanzjarjament.

- Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità<sup>17</sup>.

L-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 96/50/KE ježi li d-detenturi taċ-ċertifikat tas-sidien tad-dgħajjes jagħmlu eżami mediku meta jagħlqu l-65 sena fit-tliet xhur ta' wara, u sussegwentement kull sena. Madankollu, minħabba li l-aċċess għas-servizz mediku huwa limitat għal eżamijiet mhux ta' emerġenza, minħabba l-miżuri meħudin fir-rigward tal-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19, jista' jiġi li d-detenturi taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes ma jkunux jistgħu jagħmlu l-eżamijiet mediċi dovuti fil-perjodu kkonċernat minn dawk il-miżuri. Għalhekk, għal każijiet li fihom il-limitu ta' żmien biex persuna tagħmel eżamijiet mediċi jiskadi matul il-perjodu ta' referenza ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, dak il-limitu ta' żmien jenħtieġ li jiġi estiż b'seba' xhur f'kull wieħed mill-każijiet ikkonċernati.

- Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi ġħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE<sup>18</sup>.

Il-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna huwa limitat skont l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/1629. Barra minn hekk, l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jipprevedi l-validità kontinwa tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u maħruġin mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi ġħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE<sup>19</sup>.

Il-miżuri meħudin fid-dawl tal-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 jistgħu jagħmluha mhux prattikabbli u xi drabi impossibbli ġħall-awtoritajiet kompetenti li jwettqu l-ispezzjoni teknika biex jestendu l-validità taċ-ċertifikati rilevanti jew, fil-każ tad-dokumenti msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, biex jissostitwixxuhom.

Għalhekk, fl-interess taċ-ċertezza legali u biex ikun jista' jissokta l-operat tal-bastimenti rilevanti fil-passaġġi tal-ilma interni, jixraq li l-validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna kif ukoll tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, li kieku jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, tiġi estiżza b'perjodu ta' seba' xhur.

<sup>17</sup> ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31.

<sup>18</sup> ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118.

<sup>19</sup> ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1.

- Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib fis-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-portijiet<sup>20</sup>.
- Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet<sup>21</sup>.

Il-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 għamlet it-twettiq ta' spezzjonijiet u stħarriġ tas-sigurtà marittima diffiċċli f'dan il-perjodu, peress li dawn jeħtieġu l-preżenza fiżika ta' spetturi fil-portijiet, fil-faċilitajiet portwarji u fuq il-vapuri. Dan spiss ifisser li mhuwiex prattikabbi li jiġġeddu l-valutazzjonijiet u l-pjanijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar is-sigurtà marittima, skont l-iskadenzi stabbiliti. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu pprovduti soluzzjonijiet flessibbli u pragmatiċi filwaqt li fl-istess ħin ma tigħix kompromessa s-sigurtà, billi tīgi estiża l-validità ta' dawn id-dokumenti b'ammont raġonevoli ta' żmien, kif meħtieġ. Dan japplika wkoll għall-perjodiċità tal-eżerċizzji tas-sigurtà marittima, li jistgħu jkunu diffiċċli wkoll biex jitwettqu minħabba miżuri nazzjonali meħuda biex jipprevjenu jew biex irażżnu t-tixrid tal-COVID- 19.

---

<sup>20</sup> ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6.

<sup>21</sup> ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28.

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-COVID-19 dwar it-tiġidid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport, għal perjodi ta' referenza sussegwenti għal dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/698**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 91 u l-Artikolu 100(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz ta' att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Il-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 u l-kriżi tas-saħħha pubblika assoċjata jirrappreżentaw sfida bla preċedent għall-Istati Membri u jimponu piż kbir fuq l-awtoritajiet nazzjonali, fuq iċ-ċittadini tal-Unjoni, u fuq l-operaturi ekonomiċi, b'mod partikolari fuq l-operaturi tat-trasport. Il-kriżi tas-saħħha pubblika ġolqot ċirkostanzi straordinarji li jaffettaw l-attività normali tal-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri, kif ukoll il-ħidma tal-impriżi tat-trasport fir-rigward tal-formalitajiet amministrattivi li għandhom jitlestew f'setturi differenti tat-trasport, u li ma setgħux jiġu antiċipati b'mod raġonevoli fiż-żmien tal-adozzjoni tal-miżuri rilevanti. Dawk iċ-ċirkostanzi straordinarji għandhom impatt sinifikanti fuq diversi oqsma koperti mil-liġi tal-Unjoni dwar it-trasport.
- (2) B'mod partikolari, jista' jiġri li l-operaturi tat-trasport u persuni kkonċernati oħra jnha ma jkunux jistgħu jtemmu l-formalitajiet jew il-proċeduri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mat-tiġidid jew mal-estensjoni taċ-ċertifikati, tal-liċenzji jew tal-awtorizzazzjonijiet jew li jtemmu passi oħra meħtieġa biex tinżamm il-validità tagħhom. Għall-istess raġunijiet, jista' jiġri li l-

awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u jiġguraw li t-talbiet rilevanti introdotti mill-operaturi tat-trasport jiġu indirizzati qabel ma jiskadu l-iskadenzi applikabbi.

- (3) Ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> stabbilixxa miżuri speċifiċi u temporanji applikabbi għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u għall-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku li, skont il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni msemija f'dak ir-Regolament, jenħtieġ li jkunu saru fil-perjodu ta' referenza ta' bejn l-1 ta' Marzu 2020 jew, f'ċerti każijiet, l-1 ta' Frar 2020, u l-31 ta' Awwissu 2020. Skont dak ir-Regolament, dawk iċ-ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet, kif ukoll ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku, ġew posposti għal perjodu ta' 6 xhur jew, f'ċerti każijiet, ta' 7 xhur.
- (4) Ċerti Stati Membri li sal-1 ta' Awwissu 2020 qiesu li t-tiġdid ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u t-tlestija ta' ċertu taħriġ perjodiku jew kontrolli perjodiċi x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbi wara l-31 ta' Awwissu 2020, minħabba miżuri li kienu ħadu biex jipprevjenu jew biex irażżu t-tixrid tal-'COVID-19, ippreżentaw talbiet motivati lill-Kummissjoni għal awtorizzazzjoni biex japplikaw estensjonijiet individwali ulterjuri. Il-Kummissjoni adottat sitt deċiżjonijiet li jawtorizzaw tali estensjonijiet<sup>2</sup>.
- (5) Minkejja ċertu titjib fis-sitwazzjoni relatata mat-tifqigħa tal-'COVID-19 matul is-sajf tal-2020, il-persistenza u, f'ċerti każijiet, l-aggravar tal-effetti tal-pandemija matul it-tielet kwart tal-2020 obbligaw lill-Istati Membri jżommu u, f'ċerti każijiet, issaħħu l-miżuri li ħadu għall-prevenzjoni tat-tixrid tal-marda. Waħda mill-konsegwenzi ta' dawk il-miżuri hija li l-operaturi tat-trasport u persuni kkonċernati oħrajn jistgħu ma jkunux f'pożizzjoni li jtemmu l-formalitajiet jew il-proċeduri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' ċerti dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni relatati mat-tiġdid jew mal-estensjoni taċ-ċertifikati, tal-liċenzji jew tal-awtorizzazzjonijiet jew mat-tlestija ta' kontrolli perjodiċi jew taħriġ perjodiku, jew li jtemmu passi oħra meħtieġa biex iżommu l-validità tagħhom, kif kien il-każ matul ir-rebbiegħa tal-2020. Għall-istess

<sup>1</sup> Ir-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Mejju 2020 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi u temporanji fid-dawl tat-tifqigħa tal-'COVID-19 u rigward it-tiġdid jew l-estensjoni ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku f'ċerti oqsma tal-leġiżlazzjoni dwar it-trasport (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 10).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1236 tal-25 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lin-Netherlands japplikaw estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 282, 31.8.2020, p. 19); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1235 tas-26 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Greċċa tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 282, 31.8.2020, p. 17); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1219 tal-20 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Italja tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikolu 2 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 277, 26.8.2020, p. 16); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1240 tal-21 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lill-Bulgarija tapplika estensjoni għal perjodu speċifikat fl-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 1.9.2020, p. 7); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1282 tal-31 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lil-Franza biex tapplika estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 11, 16 u 17 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 301, 15.9.2020, p. 9); Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1237 tal-25 ta' Awwissu 2020 li tawtorizza lir-Renju Unit japplikaw estensjoni għal ċerti perjodi speċifikati fl-Artikoli 3 u 11 tar-Regolament (UE) 2020/698 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 282, 31.8.2020, p. 22).

raġunijiet, jista' jiġi li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri ma jkunux jistgħu jikkonformaw mal-obbligli stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni u jiżguraw li t-talbiet rilevanti introdotti mill-operaturi tat-trasport jiġu indirizzati qabel ma jiskadu l-iskadenzi applikabbi.

- (6) Għalhekk huwa meħtieġ li jiġu adottati miżuri biex jingħelbu dawk il-problemi u biex jiġu żgurati kemm iċ-ċertezza legali kif ukoll il-funzjonament xieraq tal-atti legali kkonċernati. Jenħtieġ li jiġu previsti adattamenti għal dak il-għan, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti limiti ta' żmien, bil-possibbiltà li l-Kummissjoni tawtorizza estensjonijiet abbażi ta' talba ppreżentata minn kwalunkwe Stat Membru.
- (7) Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>3</sup> tistabbilixxi regoli applikabbi għall-kwalifikasi inizjali u għat-taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-transport ta' merkanzija jew passiġġieri. Dawk is-sewwieqa jrid ikollhom ċertifikat ta' kompetenza professionali (CPC) u jridu jagħtu prova li jkunu lestew it-taħriġ perjodiku billi jkollhom fil-pussess tagħhom liċenzja tas-sewqan jew kard tal-kwalifikasi tas-sewwieq, li fuqha jkun hemm irreggistrat it-taħriġ perjodiku. Minħabba d-diffikultajiet għad-detentur ta' CPC fit-tlestija tat-taħriġ perjodiku u fit-tiġidid tas-CPC li jiċċertifika t-tlestija ta' dak it-taħriġ perjodiku bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li ppersistet wara l-31 ta' Awwissu 2020 f'xi Stati Membri, jeħtieġ li l-validità ta' dak is-CPC tiġi estiża għal perjodu ta' seba' xħur mid-data tal-iskadenza tiegħu, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tat-transport bit-triq.
- (8) Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>4</sup> tistabbilixxi regoli dwar il-liċenzji tas-sewqan. Dan jipprevedi r-rikonoxximent reċiproku tal-liċenzji tas-sewqan maħruġin mill-Istati Membri abbażi ta' mudell tal-Unjoni tal-liċenzja tas-sewqan, u jistabbilixxi serje ta' rekwiżiti minimi għal dawk il-liċenzji. B'mod partikolari, is-sewwieqa tal-vetturi bil-mutur irid ikollhom liċenzja tas-sewqan valida, li trid tiġi mġedda jew, f'xi każżejjiet, mibdula meta tiskadi l-validità amministrattiva tagħha. Minħabba d-diffikultajiet fit-tiġidid tal-liċenzji tas-sewqan bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li ppersistew wara l-31 ta' Awwissu 2020 f'xi Stati Membri, huwa neċċesarju li l-validità ta' ċerti liċenzji tas-sewqan tiġi estiża għal perjodu ta' seba' xħur mid-data tal-iskadenza tagħhom, sabiex tiġi żgurata l-kontinwità tal-mobbiltà bit-triq.
- (9) Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>5</sup> jistabbilixxi regoli dwar it-takografi fit-transport bit-triq. Il-konformità mar-regoli dwar il-ħin tas-sewqan, il-ħin tax-xogħol u l-perjodi ta' mistrieħ, kif stabbiliti fir-Regolament (KE)

<sup>3</sup> Id-Direttiva 2003/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2003 dwar il-kwalifikasi inizjali u taħriġ perjodiku ta' sewwieqa ta' ċerti vetturi tat-triq għat-transport ta' prodotti jew passiġġieri, li temenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 u d-Direttiva tal-Kunsill 91/439/KEE u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 76/914/KEE (ĠU L 226, 10.9.2003, p. 4).

<sup>4</sup> Id-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 dwar il-liċenzji tas-sewqan (Tfassil mill-ġdid) (ĠU L 403, 30.12.2006, p. 18).

<sup>5</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 165/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Frar 2014 dwar takografi fit-transport bit-triq, li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 dwar apparat ta' reġistrazzjoni għat-transport bit-triq u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-transport bit-triq (ĠU L 60, 28.2.2014, p. 1).

Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>6</sup> u d-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>7</sup>, hija essenziali biex tiġi żgurata kemm il-kompetizzjoni ġusta kif ukoll is-sikurezza fit-toroq. Minħabba l-ħtieġa li tiġi żgurata l-kontinwitā fil-forniment ta' servizzi tat-trasport bit-triq, minkejja diffikultajiet fit-twettiq tal-ispezzjonijiet regolari tat-takografi bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mill-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19, l-ispezzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, li kellhom jitwettqu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, issa jenħtieġ li jitwettqu mhux aktar tard minn seba' xhur wara d-data li fiha kellhom jitwettqu skont dak l-Artikolu. Għall-istess raġuni, id-diffikultajiet fit-tiġid u fis-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 jiġġustifikaw l-ġhoti, lill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri, ta' żmien addizzjonali għal dawk l-ġhanijiet. F'każijiet bħal dawn, is-sewwieqa jenħtieġ li jitqiegħdu f'pożizzjoni, u jenħtieġ li jkunu obbligati, li jirrikorru għal alternattivi vijabbli għar-reġistrazzjoni tal-informazzjoni meħtieġa relatata mal-ħin tas-sewqan, mal-ħin tax-xogħol u mal-perjodi ta' mistrieħ sakemm jirċievu kard ġdida.

- (10) Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>8</sup> tistabbilixxi regoli dwar testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom. L-itteżżejjar perjodiku tal-affidabilità stradali huwa kompitu kumpless imfassal biex jiżgura li l-vetturi jinżammu f'kundizzjoni sikura u ambjentalment aċċettabbli matul l-użu tagħhom. Minħabba diffikultajiet fit-twettiq ta' testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020 f'xi Stati Membri, it-testijiet perjodiċi tal-affidabilità stradali li kellhom jitwettqu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 issa jenħtieġ li jitwettqu f'data aktar tard, iżda mhux aktar tard minn seba' xhur wara l-limitu ta' żmien oriġinali, u c-ċertifikati kkonċernati jenħtieġ li jibqgħu validi sa dik id-data aktar tard.
- (11) Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>9</sup> jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċitar tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq. It-tifqigħa tal-COVID-19 u l-criji assoċjata tas-sahħha pubblika li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020 jimplikaw li xi impriżi tat-trasport ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżiti dwar il-vetturi jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni ta' dawk l-impriżi u li jintużaw minnhom. Għandha wkoll riperkussjonijiet finanzjarji serji għas-settur finanzjarju u xi impriżi tat-trasport ma għadhomx jissodisfaw ir-rekwiżit tal-kapaċità finanzjarja. Minħabba l-

<sup>6</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 561/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 dwar l-armonizzazzjoni ta' ċerta leġiżlazzjoni soċjali li għandha x'taqsam mat-trasport bit-triq u li jemenda r-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 3821/85 u (KE) Nru 2135/98 u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3820/85 (ĠU L 102, 11.4.2006, p. 1).

<sup>7</sup> Id-Direttiva 2002/15/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2002 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol ta' ħaddiema li jwettqu attivitajiet mobbli tat-trasport fit-toroq (ĠU L 80, 23.3.2002, p. 35).

<sup>8</sup> Id-Direttiva 2014/45/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar testijiet perjodiċi tal-affidabbiltà stradali għal vetturi bil-mutur u t-trejlers tagħhom u li tkhassar id-Direttiva 2009/40/KE (ĠU L 127, 29.4.2014, p. 51).

<sup>9</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1071/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kondizzjonijiet li għandhom jiġu rispettati għall-eżerċizzju tal-professjoni ta' operatur tat-trasport bit-triq u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 96/26/KE (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 51).

livell imnaqqas ta' attivit  li jirriżulta mill-kriżi tas-saħħha pubblika, huwa antiċipat li l-impri  se jieħdu aktar żmien mis-soltu biex juru li r-rekwiżiti dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tagħhom u li jintużaw minnhom jew ir-rekwiżit tal-kapaċità finanzjarja huma ssodisfati mill-ġdid fuq bażi permanenti. Għalhekk huwa xieraq li l-limiti ta' żmien massimi stabbiliti għal dawk il-finijiet fl-Artikolu 13(1), il-punti (b) u (c), tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009 jiġu estiżi minn sitt xhur għal tħnejx tħalli x-xahar, fir-rigward tal-valutazzjoni tar-rekwiżiti dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-impriżi tat-trasport bit-triq ikkonċernati u li jintużaw minnhom, kif imsemmi fl-Artikolu 5(b) u (c) ta' dak ir-Regolament, u tar-rekwiżit rigward il-kapaċità finanzjarja ta' dawk l-impriżi, sa fejn dawk il-valutazzjonijiet ikopru l-perjodu kollu jew parti minnu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021. Fejn in-nuqqas ta' konformità ma' kwalunkwe wieħed minn dawk ir-rekwiżiti jkun digħi għie stabbilit u l-limitu ta' żmien stabbilit mill-awtorit  kompetenti ma jkunx għadu skada, l-awtorit  kompetenti jenħtieġ li tkun tista' testendi dak il-limitu ta' żmien għal total ta' tħnejx tħalli x-xahar.

- (12) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1072/2009<sup>10</sup> u (KE) Nru 1073/2009<sup>11</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jistabbilixxu regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija u għall-aċċess għas-suq internazzjonali għas-servizzi bil-kowċ u bix-xarabank rispettivament. Il-ġarr internazzjonali ta' merkanzija bit-triq u t-trasport internazzjonali ta' passiġġieri bil-kowċ u bix-xarabank huma soġġetti, fost l-oħrajn, għall-pussess ta' liċenzja Komunitarja u, fil-każ ta' sewwieqa li huma ċittadini ta' pajjiżi terzi u li jwettqu operazzjonijiet ta' trasport tal-merkanzija, għal attestazzjoni tas-sewwieq. L-għoti ta' servizzi regolari bix-xarabank u bil-kowċ jiddependi wkoll mill-awtorizzazzjoni. Dawk il-liċenzji, l-attestazzjonijiet u l-awtorizzazzjonijiet jistgħu jiġġeddu wara verifikasi li l-kundizzjonijiet rilevanti jkunu għadhom qed jiġu osservati. Minħabba diffikultajiet fit-tiġġid tal-liċenzji u tal-attestazzjonijiet bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mill-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19 wara l-31 ta' Awwissu 2020, jeħtieġ li l-validità tagħhom tīgi estiżha b'seba' xhur mid-data ta' skadenza tagħhom, sabiex tīgi żgurata l-kontinwit  tat-trasport bit-triq.
- (13) Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>12</sup> tistabbilixxi regoli dwar is-sikurezza ferrovjarja. Minħabba l-miżuri ta' konfinament, flimkien mal-ammont ta' xogħol addizzjonali involut fit-trażżin tat-tifqigħha tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020, l-awtoritajiet nazzjonali, l-impriżi ferrovjarji u l-maniġers tal-infrastruttura qed jiffaċċejaw diffikultajiet b'rabta mat-tiġġid ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi u, fid-dawl tal-iskadenza li ġejja tal-awtorizzazzjonijiet eżistenti tas-sikurezza, b'rabta mal-ħruġ ta' tali awtorizzazzjonijiet għal perjodu sussegwenti kopert rispettivament mill-Artikoli 10 u 12 ta' dik id-Direttiva. Il-limitu ta' żmien għat-tiġġid ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi jenħtieġ għalhekk li jiġi estiż b'seba' xhur, u c-ċertifikati ta' sikurezza uniċi eżistenti kkonċernati għandhom jibqgħu

<sup>10</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1072/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tat-trasport bit-triq tal-merkanzija (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 72).

<sup>11</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 1073/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar regoli komuni għall-aċċess għas-suq internazzjonali tas-servizzi tal-kowċ u x-xarabank u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 561/2006 (ĠU L 300, 14.11.2009, p. 88).

<sup>12</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/798 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar is-sikurezza ferrovjarja (ĠU L 138, 26.5.2016, p. 102).

validi kif xieraq. Bl-istess mod, il-validità ta' tali awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza jenħtieġ li tīgi estiża b'seba' xħur mid-data tal-iskadenza tagħhom.

- (14) Skont l-Artikolu 33(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, ċerti Stati Membri estendew il-perjodu ta' traspożizzjoni ta' dik id-Direttiva sas-16 ta' Ġunju 2020. Id-Direttiva (UE) 2020/700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>13</sup> li temenda d-Direttiva (UE) 2016/798 ipprovdiet il-possibbiltà għal dawn l-Istati Membri li jestendu ulterjorment il-perjodu ta' traspożizzjoni sal-31 ta' Ottubru 2020. Ir-regoli tad-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>14</sup> għalhekk baqgħu applikabbli f'dawk l-Istati Membri sal-31 ta' Ottubru 2020, u l-Istati Membri kkonċernati baqgħu intitolati li joħorġu ġertifikati skont dik id-Direttiva. Iċ-ċertifikati tas-sikurezza maħruġin skont dik id-Direttiva jibqgħu validi sad-data ta' skadenza tagħhom, skont id-Direttiva (UE) 2016/798. Għalhekk huwa meħtieġ ukoll li tīgi prevista estensjoni tal-limiti ta' żmien għat-tiġidid taċ-ċertifikati ta' sikurezza u tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza maħruġin skont l-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva 2004/49/KE u li jiġi ċċarat li ċ-ċertifikati u l-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza kkonċernati jibqgħu validi kif xieraq.
- (15) Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>15</sup> tistabbilixxi regoli dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja fl-Unjoni. L-Artikoli 14(5) u 16 ta' dik id-Direttiva jipprevedu li l-validità tal-liċenzji tas-sewwieqa tal-ferroviji hija limitata għal għaxar snin u hija soġġetta għal kontrolli perjodiċi. Minħabba d-diffikultajiet fit-tiġidid tal-liċenzji bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħha tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020, il-validità tal-liċenzji li jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jenħtieġ li tīgi estiża għal perjodu ta' seba' xħur mid-data tal-iskadenza tagħhom. Bl-istess mod, is-sewwieqa tal-ferroviji jenħtieġ li jingħataw perjodu addizzjonal ta' seba' xħur biex itemmu l-kontrolli perjodiċi.
- (16) Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>16</sup> tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea. Skont l-Artikolu 23(2) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jwettqu rieżami regolari sabiex jivverifikaw li impriżza ferrovjarja tkompli tissodisfa l-obbligi stabbiliti fil-Kapitolu III ta' dik id-Direttiva li jappartjenu għal-liċenzja tagħha. Skont l-Artikolu 24(3) ta' dik id-Direttiva, l-awtoritajiet tal-liċenzjar jistgħu jissospendu jew jirrevokaw liċenzja għal raġunijiet ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżit ta' kapaċċità finanzjarja tajba u jistgħu jagħtu liċenzja temporanja sakemm issir ir-riorganizzazzjoni tal-impriżza ferrovjarja, sakemm is-sikurezza ma tiġix ipperikolata. Minħabba ċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħha tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020, l-awtoritajiet tal-

<sup>13</sup> Id-Direttiva (UE) 2020/700 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-25 ta' Mejju 2020 li temenda d-Direttivi (UE) 2016/797 u (UE) 2016/798, fir-rigward tal-estensjoni tal-perjodu tat-traspożizzjoni tagħhom (ĠU L 165, 27.5.2020, p. 27).

<sup>14</sup> Id-Direttiva 2004/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-29 ta' April 2004 fuq is-sigurtà tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 95/18/KE fuq l-għoti tal-liċenzi tal-impriżza tal-linji tal-ferrovija u d-Direttiva 2001/14/KE fuq l-allokazzjoni tal-kapaċċità tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u l-intaxxar tal-pizżejjiet għall-użu tal-infrastruttura tal-linji tal-ferrovija u ċ-ċertifikazzjoni tas-sigurtà (Id-Direttiva tas-Sigurtà Tal-Linji tal-Ferrovija) (ĠU L 164, 30.4.2004, p. 44).

<sup>15</sup> Id-Direttiva 2007/59/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2007 dwar iċ-ċertifikazzjoni ta' sewwieqa tal-ferroviji li joperaw lokomotivi u ferroviji fuq is-sistema ferrovjarja tal-Komunità (ĠU L 315, 3.12.2007, p. 51).

<sup>16</sup> Id-Direttiva 2012/34/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 li tistabbilixxi żona ferrovjarja unika Ewropea (ĠU L 343, 14.12.2012, p. 32).

liċenzjar għandhom diffikultajiet serji biex iwettqu rieżamijiet regolari fir-rigward tal-liċenzji eżistenti u biex jieħdu d-deċiżjonijiet rilevanti dwar il-ħruġ ta' liċenzji ġodda wara l-iskadenza ta' liċenzja temporanja. Għalhekk, il-limiti ta' żmien għat-twettiq ta' rieżamijiet regolari li, skont dik id-Direttiva, jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jenħtieġ li jiġu estiżi b'seba' xhur. Bl-istess mod, il-validità tal-liċenzji temporanji li jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jenħtieġ li tiġi estiżi b'seba' xhur.

- (17) L-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2012/34/UE jeżiġi li l-awtoritajiet tal-liċenzjar jieħdu deċiżjonijiet dwar l-applikazzjonijiet għal-liċenzji fi żmien tliet xhur wara li l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari d-dettalji msemmija fl-Anness III għal dik id-Direttiva, tkun għet ippreżentata. Minħabba diffikultajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet rilevanti bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020, huwa meħtieġ li dak il-limitu ta' żmien jiġi estiżi b'seba' xhur.
- (18) L-impriżi ferrovjarji li kienu finanzjarjament stabbli qabel it-tifqigħa tal-COVID-19 qed jiffacċejaw problemi ta' likwidità li jistgħu jwasslu għas-sospensjoni jew għar-revoka tal-liċenzja operattiva tagħhom jew għas-sostituzzjoni tagħha b'liċenzja temporanja mingħajr ma jkun hemm ħtieġa ekonomika strutturali biex dan iseħħ. L-għoti ta' liċenzja temporanja skont l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/34/UE jista' jibgħat sinjal negattiv lis-suq dwar il-kapaċità tal-impriżi ferrovjarji li jissopravvivu, li min-naħħa tiegħu jiggrava l-problemi finanzjarji tagħhom, li inkella jkunu temporanji biss. Minbarra r-Regolament (UE) 2020/698 u minħabba l-persistenza tat-tifqigħa tal-COVID-19 wara l-31 ta' Awwissu 2020, jenħtieġ għalhekk li jiġi pprovdut li fejn l-awtorità tal-liċenzjar, abbażi tal-kontroll imwettaq matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, issib li impiżiha ferrovjarja ma tistax tibqa' tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-kapaċità finanzjarja, jenħtieġ li tkun tista' tiddeċċiedi, qabel it-30 ta' April 2021, li ma tissospendix jew li ma tirrevokax il-liċenzja tal-impiżiha ferrovjarja kkonċernata, sakemm is-sikurezza ma tkunx f'riskju u sakemm ikun hemm prospett realistiku ta' rikostruzzjoni finanzjarja sodisfaċenti tal-impiżiha ferrovjarja fis-seba' xhur ta' wara. Wara t-30 ta' April 2021, jenħtieġ li l-impiżiha ferrovjarja tkun sogħetta għar-regoli ġenerali stabbiliti fl-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2012/34/UE.
- (19) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE<sup>17</sup> tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes għat-ħaqbz għal-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fl-Unjoni. Malli jagħlqu 65 sena, id-detenturi taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes huma meħtieġa jagħmlu eżamijiet mediċi perjodiċi. Fid-dawl tal-miżuri meħuda fir-rigward tat-tifqigħa tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020, u b'mod partikolari fid-dawl tal-aċċess limitat għas-servizzi mediċi biex iwettqu l-eżamijiet mediċi, jista' jiġi li d-detenturi taċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes ma jkunux jistgħu jagħmlu l-eżamijiet mediċi meħtieġa dovuti fil-perjodu kkonċernat b'dawk il-miżuri. Għalhekk, għal każijiet fejn il-limitu ta' żmien biex persuna tagħmel eżamijiet mediċi jkun skada jew inkella jiskadi bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, dak il-limitu ta' żmien jenħtieġ li jiġi estiżi b'seba' xhur

---

<sup>17</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 96/50/KE tat-23 Lulju 1996 dwar l-armonizzazzjoni tal-kondizzjonijiet għall-akkwist taċ-ċertifikati nazzjonali tas-sidien tad-dgħajjes għat-ħaqbz għal-trasport ta' merkanzija u passiġġieri permezz ta' passaġġi tal-ilma interni fil-Komunità (ĠU L 235, 17.9.1996, p. 31).

f'kull wieħed mill-każijiet ikkonċernati. Iċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes ikkonċernati jenħtieġ li jibqgħu validi kif xieraq.

- (20) Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>18</sup> tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi ġħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni. L-Artikolu 10 ta' dik id-Direttiva jipprovdi għal limitazzjoni tal-perjodu ta' validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna. Barra minn hekk, l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629 jipprevedi li d-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri qabel is-6 ta' Ottubru 2018 skont id-Direttiva li kienet applikabbi qabel, jiġifieri d-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>19</sup>, għandhom jibqgħu validi sakemm jiskadu. Il-miżuri meħudin fid-dawl tal-persistenza tat-tifqigħha tal-COVID-19 wara l-31 ta' Awwissu 2020 jistgħu jagħmlu mhux prattikabbi, u xi drabi impossibbli, ġħall-awtoritajiet kompetenti sabiex iwettqu spezzjonijiet tekniċi sabiex jestendu l-validità taċ-ċertifikati rilevanti jew, fil-każ ta' dokumenti msemmija fl-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, jissostitwixxuhom. Għalhekk, sabiex il-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni rilevanti jkunu jistgħu jkomplu joperaw, huwa xieraq li l-validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna u tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, tīgħi estiżza b'perjodu ta' seba' xħur.
- (21) Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>20</sup> jistabbilixxi regoli dwar it-tiġiġi tas-sigurtà fuq il-bastimenti u fil-faċilitajiet tal-portijiet. Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>21</sup> tistabbilixxi miżuri biex tissahħħa is-sigurtà tal-portijiet fid-dawl tat-theddid ta' inċidenti relatati mas-sigurtà. Tiżgura wkoll li l-miżuri tas-sigurtà meħudin skont ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 jibbenefikaw minn titjib tas-sigurtà fil-portijiet. It-tifqigħha tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020 tagħmilha diffiċċi ġħall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex iwettqu spezzjonijiet u stħarriġ tas-sigurtà marittima bil-għan li jiġġeddu ċerti dokumenti fil-qasam tas-sigurtà marittima. Għalhekk, huwa meħtieġ li l-limiti ta' żmien għar-rieżami tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà u tal-pjanijiet ta' sigurtà meħtieġa minn dawk l-atti legali tal-Unjoni jiġu estiżza b'ammont ragħonevoli ta' żmien sabiex l-Istati Membri u l-industrija tat-tbaħħir ikunu jistgħu jieħdu approċċ flessibbli u pragmatiku, u biex il-ktajjen tal-provvista essenzjali jinżammu miftuħin, filwaqt li ma tiġix kompromessa s-sigurtà. Jenħtieġ li tingħata wkoll flessibbiltà għal eżerċizzji ta' sigurtà marittima, li l-atti legali tal-Unjoni fil-qasam tas-sigurtà marittima jeħtieġu li jitwettqu f'ċerti perjodi ta' żmien.
- (22) Meta Stat Membru jqis li l-applikazzjoni tar-regoli li jidderoga minnhom dan ir-Regolament, relatati, fost l-oħrajn, mat-tiġdid jew mal-estensjoni ta' ċertifikati, liċenzji

<sup>18</sup> Id-Direttiva (UE) 2016/1629 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-14 ta' Settembru 2016 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi ġħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni, li temenda d-Direttiva 2009/100/KE u li tħassar id-Direttiva 2006/87/KE (ĠU L 252, 16.9.2016, p. 118).

<sup>19</sup> Id-Direttiva 2006/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li tistabbilixxi r-rekwiżiti tekniċi ġħall-bastimenti tal-passaġġi fuq l-ilma interni u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 82/714/KEE (ĠU L 389, 30.12.2006, p. 1).

<sup>20</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 725/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Marzu 2004 dwar it-titjib tas-sigurtà fuq il-vapuri u fil-faċilitajiet tal-portijiet (ĠU L 129, 29.4.2004, p. 6).

<sup>21</sup> Id-Direttiva 2005/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2005 dwar it-titjib tas-sigurtà fil-portijiet (ĠU L 310, 25.11.2005, p. 28).

jew awtorizzazzjonijiet, x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbi lil hinn mid-dati sp̄ecifikati f'dan ir-Regolament minħabba miżuri li tkun ħadet biex tipprevjeni jew tražjan it-tixrid tal-COVID-19, il-Kummissjoni jenħtieġ li, jekk tintalab minn dak l-Istat Membru sal-1 ta' April 2021, tkun awtorizzata li tippermetti lill-Istat Membru kkonċernat jestendi ulterjorment il-perjodi sp̄ecifikati f'dan ir-Regolament, kif rilevanti. Sabiex tīgi żgurata c-ċertezza legali filwaqt li jiġi żgurat li s-sikurezza u s-sigurtà tat-trasport ma jkunux f'riskju, tali estensjoni jenħtieġ li tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi rifless il-perjodu li matulu t-tlestija tal-formalitajiet, tal-proċeduri, tal-kontrolli u tat-taħriġ x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbi u, fi kwalunkwe każ, dan ma għandux ikun itwal minn sitt xhur.

- (23) It-tifqigħa tal-COVID-19 affettwat lill-Unjoni kollha iżda ma għamlitx dan b'mod uniformi. L-Istati Membri ġew affettwati fi gradi differenti u fi żminijiet differenti. Minħabba li d-derogi mir-regoli li normalment japplikaw jenħtieġ li jkunu limitati għal dak li huwa meħtieġ, jenħtieġ li, fir-rigward tad-Direttiva 2003/59/KE, tad-Direttiva 2006/126/KE, tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, tad-Direttiva 2014/45/UE, tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, tad-Direttiva (UE) 2016/798, tad-Direttiva 2004/49/KE, tad-Direttiva 2007/59/KE, tad-Direttiva 2012/34/UE, tad-Direttiva 96/50/KE, tad-Direttiva (UE) 2016/1629, tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 u tad-Direttiva 2005/65/KE, ikun possibbli għall-Istati Membri li jkomplu japplikaw dawk l-atti legali mingħajr ma japplikaw id-derogi previsti f'dan ir-Regolament, fejn l-applikazzjoni ta' dawk l-atti legali baqgħet prattikabbi. L-istess jenħtieġ li japplika meta Stat Membru jkun ġie kkonfrontat b'tali diffikultajiet iżda jkun adotta miżuri nazzjonali xierqa biex itaffihom. L-Istati Membri li jagħżlu li jagħmlu użu minn dik il-possibbiltà ma għandhomx, madankollu, jimpedixxu lil xi operatur ekonomiku jew individwu milli jibbaża fuq id-derogi previsti f'dan ir-Regolament li japplikaw fi Stat Membru ieħor, u b'mod partikolari jenħtieġ li jirrikonoxxu kwalunkwe liċenzja, ċertifikat u awtorizzazzjoni li l-validità tagħha tkun ġiet estiża b'dan ir-Regolament. Sabiex tīgi żgurata c-ċertezza legali, l-Istati Membri jenħtieġ li jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-deċiżjonijiet tagħhom li ma japplikaw id-derogi previsti f'dan ir-Regolament qabel ma dan isir applikabbi bis-shiħi fi **[id-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]**.
- (24) Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet mogħtija mid-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) 2020/698, li jawtorizzaw lill-Istati Membri sabiex jestendu ċerti perjodi msemmija f'dak ir-Regolament, sa fejn dawn jistgħu jwasslu għal estensjonijiet li jmorru lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament.
- (25) Minħabba li l-perjodu ta' tranżizzjoni stabbilit fil-Ftehim dwar l-irtirar tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika intemm fil-31 ta' Diċembru 2020, jenħtieġ li l-ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ma tapplika għar-Renju Unit, anki fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernaw perjodi qabel dik id-data.
- (26) Minħabba li l-objettivi ta' dan ir-Regolament, jiġifieri li jiġu estiżi l-limiti taż-żmien stabbiliti fid-dritt tal-Unjoni għat-tiġid u għall-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjoni u għall-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku b'rispons għaċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 li ppersistiet wara l-31 ta' Awwissu 2020 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi tal-ilma interni u s-sigurtà marittima, ma jistgħux

jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tal-azzjoni proposta, dintlaħqu aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi.

- (27) Fid-dawl tal-urġenza minħabba ċ-ċirkostanzi eċċeżżjoni kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 li ppersistiet wara 1-31 ta' Awwissu 2020, tqies xieraq li tiġi prevista eċċeżżjoni għall-perjodu ta' tmien ġimġħat imsemmi fl-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 1 dwar ir-rwol tal-Parlamenti nazzjonali fl-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.
- (28) Minħabba n-natura mhux prevedibbli u f'daqqa tat-tifqigħa tal-COVID-19, kif ukoll minħabba d-durata mhux mistennija tagħha, kien impossibbli li jiġu adottati l-miżuri rilevanti kollha fil-ħin. Għal dik ir-ragħuni, jenħtieġ li d-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament ikopru wkoll il-perjodu qabel id-dħul fis-seħħ tiegħu. Minħabba n-natura ta' dawk id-dispożizzjonijiet, tali approċċ ma jirriżultax fi ksur tal-aspettattivi leġġitimi tal-persuni kkonċernati.
- (29) Fid-dawl tal-ħtieġa ewlenja li jiġu indirizzati mingħajr dewmien iċ-ċirkostanzi kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi tal-ilma interni u tas-sigurtà marittima, filwaqt li, fejn rilevanti, l-Istati Membri jiġu pprovduti b'perjodu raġonevoli ta' żmien biex jinfurmaw lill-Kummissjoni jekk huma jiddeċiedu li ma jaapplikawx ċerti derogi stabbiliti f'dan ir-Regolament, jenħtieġ li dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ b'urġenza fil-jum wara dak tal-pubblikkazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* sabiex jiġi żgurat li s-sitwazzjonijiet ta' inċertezza legali li jaaffettaw lil-ħafna awtoritajiet u operaturi tat-trasport f'setturi differenti, b'mod partikolari meta l-limiti taż-żmien rilevanti jkunu digħi skadew, jibqgħu qosra kemm jista' jkun,

#### ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

##### *Artikolu 1*

###### Suġġett

Dan ir-Regolament jistabbilixxi miżuri spċifici u temporanji applikabbi għat-tiġdid u għall-estensjoni tal-perjodu ta' validità ta' ċerti ċertifikati, liċenzji u awtorizzazzjonijiet u l-posponiment ta' ċerti kontrolli perjodiċi u taħriġ perjodiku b'rispons għaċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19 fil-qasam tat-trasport bit-triq, bil-ferrovija u bil-passaġġi fuq l-ilma interni u tas-sigurtà marittima għal perjodi ta' referenza sussegwenti għal dawk imsemmija fir-Regolament (UE) 2020/698.

##### *Artikolu 2*

Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2003/59/KE

1. Minkejja l-Artikolu 8(2) u (3) tad-Direttiva 2003/59/KE, il-limiti ta' żmien għat-twettiq, mid-detentur ta' ċertifikat ta' kompetenza professjonalni (“CPC”), ta' taħriġ perjodiku li, skont dawk id-dispożizzjonijiet, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandhom jitqiesu bħala li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xħur f'kull każ. Is-CPC għandu jibqa' validu kif xieraq.

2. Il-validità tal-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, “95” previst fl-Anness I tad-Direttiva 2006/126/KE magħmul mill-awtoritajiet kompetenti jew fuq il-liċenzja tas-sewqan jew fuq il-kard tal-kwalifika tas-sewwieq imsemmija fl-Artikolu 10(1) tad-Direttiva 2003/59/KE abbażi tas-CPC li hemm referenza għalihi fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu għandha titqies bħala li ġiet estiżi għal perjodu ta' seba' xħur mid-data indikata fuq kull liċenzja tas-sewqan jew kard tal-kwalifika tas-sewwieq bħal din.

3. Il-validità tal-kards ta' kwalifika tas-sewwieq imsemmija fl-Anness II tad-Direttiva 2003/59/KE li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiżi għal perjodu ta' seba' xħur mid-data tal-iskadenza indikata fuq kull waħda minn dawk il-kards.

4. Meta Stat Membru jqis li t-tlestitja tat-taħriġ perjodiku jew taċ-ċertifikazzjoni tiegħi, l-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, “95”, jew it-tiġidid tal-kards ta' kwalifika tas-sewwieq aktarx jibqgħu mhux prattikabbli lil hinn mit-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevenji jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodi ta' seba' xħur spċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

5. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu, it-tlestitja tat-taħriġ perjodiku inkwistjoni jew iċ-ċertifikazzjoni tiegħi, l-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, “95”, jew it-tiġidid tal-kards tal-kwalifika tas-sewwieq, x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xħur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

6. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-testija tat-taħriġ perjodiku jew taċ-ċertifikazzjoni tiegħi, l-immarkar tal-kodiċi armonizzat tal-Unjoni, “95”, jew it-tiġidid tal-kards tal-kwalifika tas-sewwieqa mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqas dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attivitàjet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1, 2 u 3 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 3*

#### Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2006/126/KE

1. Minkejja l-Artikolu 7 tad-Direttiva 2006/126/KE u l-punt 3(d) tal-Anness I ta' dik id-Direttiva, il-validità tal-liċenzji tas-sewqan li, skont dawk id-dispożizzjonijiet, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandha titqies bħala li hija estiżza, jew li ġiet estiżza għal perjodu ta' seba' xħur mid-data ta' skadenza msemmija f'kull liċenzja tas-sewqan bħal din.

2. Meta Stat Membru jqis li t-tiġidid tal-liċenzji tas-sewqan x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xħur, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

3. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġidid tal-liċenzja tas-sewqan x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xħur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

4. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li wasslu biex it-tiġidid tal-liċenzji tas-sewqan isir mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqas dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħoll]**. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafu 1 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attivitàjet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

## *Artikolu 4*

### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament (UE) Nru 165/2014*

1. Minkejja l-Artikolu 23 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, l-ispezzjonijiet regolari previsti fil-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu li kieku kellhom jitwettqu jew li kieku kien ikollhom jitwettqu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 skont dak il-paragrafu għandhom jitwettqu mhux aktar tard minn seba' xhur wara d-data li kieku kien ikollhom jitwettqu skont dak l-Artikolu.
2. Minkejja l-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, fejn sewwieq japplika għat-tidid ta' kard tas-sewwieq skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu kard tas-sewwieq ġdida mhux aktar tard minn xahrejn wara li jirċievu t-talba. Sakemm is- sewwieq jirċievi kard tas-sewwieq ġdida mill-awtoritajiet li joħorġu l-kard, l-Artikolu 35(2) ta' dak ir-Regolament għandu japplika għas-sewwieq *mutatis mutandis*, sakemm is-sewwieq ikun jista' juri li t-tidid tal-kard tas-sewwieq intalab skont l-Artikolu 28(1) ta' dak ir-Regolament.
3. Minkejja l-Artikolu 29(4) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, fejn sewwieq japplika għas-sostituzzjoni ta' kard tas-sewwieq skont il-paragrafu 4 ta' dak l-Artikolu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għandhom joħorġu kard ta' sostituzzjoni mhux aktar tard minn xahrejn wara li jirċievu t-talba. Minkejja l-Artikolu 29(5) tar-Regolament (UE) Nru 165/2014, is-sewwieq jista' jkompli jsuq sakemm tasal kard tas-sewwieq ġdida mill-awtoritajiet li joħorġu l-kard diment li s-sewwieq ikun jista' juri li l-kard tas-sewwieq ġiet irritornata lill-awtorità kompetenti meta kellha ħsara jew meta ma kinitx qed taħdem sew u li kienet saret talba għas-sostituzzjoni tagħha.
4. Meta Stat Membru jqis li l-ispezzjonijiet regolari, it-tidid tal-kards tas-sewwieqa jew is-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa kif meħtieġ mir-Regolament (UE) Nru 165/2014 x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jiġi jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1, 2 u 3, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, il-perjodu ta' seba' xhur jew l-iskadenzi applikabbli għall-ħruġ ta' kard tas-sewwieq ġdida, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.
5. Fejn, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1, 2, u 3, rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu l-ispezzjonijiet regolari jew it-tidid jew is-sostituzzjoni ta' kards tas-sewwieqa x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.
- Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
6. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux se jkun, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu spezzjonijiet regolari, it-tidid tal-kards tas-sewwieqa jew is-sostituzzjoni tal-kards tas-sewwieqa mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħha tal-COVID-19,

jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1, 2 u 3 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attività transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1, 2 u 3 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

## *Artikolu 5*

### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2014/45/UE*

- Minkejja l-Artikoli 5(1) u 10(1) tad-Direttiva 2014/45/UE u l-punt 8 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva, il-limiti ta' żmien għat-testijiet tal-affidabilità stradali, li skont dawk id-dispożizzjonijiet, kellhom isiru jew kien ikollhom isiru bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandhom jitqiesu bħala li huma, jew li ġew estiżi, għal perjodu ta' seba' xħur.
- Minkejja l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2014/45/UE u l-punt 8 tal-Anness II ta' dik id-Direttiva, il-validità taċ-ċertifikati tal-affidabilità stradali b'data ta' skadenza ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiżi għal perjodu ta' seba' xħur.
- Meta Stat Membru jqis li t-twettiq ta' testijiet tal-affidabilità stradali jew iċ-ċertifikazzjoni tagħhom x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbi wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jippreżjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xħur, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

- Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matlu, il-prestazzjoni tat-testijiet tal-affidabilità stradali jew iċ-ċertifikazzjoni tagħhom x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbi u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xħur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

- Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx li ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li wasslu biex it-twettiq tat-testijiet tal-affidabilità stradali jew iċ-ċertifikazzjoni tiegħu jkun mhux prattikabbi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-**

**xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 6*

Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1071/2009

1. Minkejja l-Artikolu 13(1), il-punti (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, fejn awtorità kompetenti tistabbilixxi fir-rigward tal-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, li r-rekwiżi rigward il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu għad-dispożizzjoni tal-impriża tat-trasport bit-triq u li jintużaw minnha, kif stabbilit fl-Artikolu 5(b) u (c) ta' dak ir-Regolament, mhumiex issodisfati, jew tistabbilixxi, abbażi tal-kontijiet annwali u ċ-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 7(1) u (2) ta' dak ir-Regolament għas-snin ta' kontabbiltà li jkopru l-perjodu kollu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew parti minnu, li impriża tat-trasport ma tissodisfax ir-rekwiżi ta' kapaċitā finanzjarja stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c) ta' dak ir-Regolament, il-limiti ta' żmien stabbiliti mill-awtorità kompetenti għall-finijiet tal-Artikolu 13(1), il-punti (b) u (c) ta' dak ir-Regolament, ma għandhomx jaqbżu t-12-il xahar.

2. Minkejja l-Artikolu 13(1), il-punti (b) u (c) tar-Regolament (KE) Nru 1071/2009, meta l-awtorità kompetenti tkun stabbiliet bejn it-28 ta' Mejju 2020 u [id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] li impriża tat-trasport ma tissodisfax ir-rekwiżi **dwar il-vettura jew il-vetturi li għandhom jinżammu** għad-dispożizzjoni tal-impriża tat-trasport bit-triq u li jintużaw minnha, kif stabbilit fl-Artikolu 5(b) u (c) ta' dak ir-Regolament, jew ir-rekwiżi ta' kapaċitā finanzjarja stabbilit fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), ta' dak ir-Regolament u stabbiliet limitu ta' żmien biex l-impriża tat-trasport tikkoreġi s-sitwazzjoni, l-awtorità kompetenti tista' testendi dak il-limitu ta' żmien, sakemm il-limitu ta' żmien ma jkunx skada sad-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-limitu ta' żmien b'hekk estiż ma jistax jaqbeż it-12-il xahar.

### *Artikolu 7*

Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1072/2009

1. Minkejja l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, il-validità tal-liċenzji tal-Komunità li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet estiżza, għal perjodu ta' seba' xhur. Kopji ċċertifikati veri għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

2. Minkejja l-Artikolu 5(7) tar-Regolament (KE) Nru 1072/2009, il-validità tal-attestazzjonijiet tax-xufiera li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet estiżza, għal perjodu ta' seba' xhur.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tas-sewwieqa x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li

jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażjan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xhur, jew it-tnejn. It-talba għandha tīgħi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġġid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tax-xufiera x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-tiġġid tal-liċenzji Komunitarji jew tal-attestazzjonijiet tas-sewwieqa mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ma għandux jimpedixxi l-attività transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

#### *Artikolu 8*

##### **Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 1073/2009**

1. Minkejja l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, il-validità tal-liċenzji tal-Komunità li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet estiża għal perjodu ta' seba' xhur. Kopji ċċertifikati veri għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

2. Minkejja l-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, id-deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' servizzi regolari ppreżentata mit-trasportatur bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jittieħdu mill-awtoritā awtorizzanti fi żmien sitt xhur mid-data tas-sottomissjoni tal-applikazzjoni. Minkejja l-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 1073/2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri li jkun intalab il-qbil tagħhom fir-rigward ta' tali applikazzjoni skont il-paragrafu 1 ta' dak l-Artikolu, għandhom jinnotifikaw lill-awtoritā awtorizzanti bid-deċiżjoni tagħhom dwar l-applikazzjoni fi żmien tliet xhur. Meta l-awtoritā awtorizzanti ma tirċevix tweġiba fi żmien tliet xhur, l-awtoritajiet ikkonsultati għandhom jitqiesu li jkunu taw il-qbil tagħhom, u l-awtoritā awtorizzanti tista' tagħti l-awtorizzazzjoni.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbi wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika għal estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodi bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xhur, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom. It-talba għandha tīgħi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġdid tal-liċenzji tal-Komunità x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbi u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li wasslu biex it-tiġdid tal-liċenzji Komunitarji ikun mhux prattikabbi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqs dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforna lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafu 1 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attività transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

## *Artikolu 9*

### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva (UE) 2016/798*

1. Minkejja l-Artikolu 10(13) tad-Direttiva (UE) 2016/798, il-limiti ta' żmien għat-tiġdid ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xhur. Iċ-ċertifikati ta' sikurezza uniċi kkonċernati għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

2. Minkejja l-Artikolu 12(2) tad-Direttiva (UE) 2016/798, il-validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza li, f'konformità ma' dik id-dispożizzjoni, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet, estiżi għal perjodu ta' seba' xhur.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġdid ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi maħruġin skont l-Artikolu 10(8) tad-Direttiva (UE) 2016/798 jew l-estensjoni tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbi wara t-30 ta' April 2021

minħabba miżuri li jkun ħa biex jippreveni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex tīgħi applikata estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xħur spċifikat fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn. It-talba għandha tīgħi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, abbażi ta' talba ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġidid ta' ċertifikati ta' sikurezza uniċi jew l-estensjoni tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xħur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux se jkun, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-tiġidid taċ-ċertifikati uniċi tas-sikurezza maħruġa skont l-Artikolu 10(8) tad-Direttiva (UE) 2016/798 jew l-estensjoni tal-perjodu ta' validità tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpidixxi l-aktivitajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 10*

#### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2004/49/KE*

1. Minkejja l-Artikolu 10(5) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-limiti ta' żmien għat-tiġidid taċ-ċertifikati tas-sikurezza li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xħur. Iċ-ċertifikati ta' sikurezza kkonċernati għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

2. Minkejja l-Artikolu 11(2) tad-Direttiva 2004/49/KE, il-limiti ta' żmien għat-tiġidid tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xħur. L-awtorizzazzjoni tas-sikurezza kkonċernata għandha tibqa' valida kif xieraq.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġidid taċ-ċertifikati ta' sikurezza jew tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza aktarx jibqa' mhux prattikabbli lil hinn mit-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li

jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika għal estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodi ta' seba' xhur spċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, abbażi ta' talba ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġidid taċ-ċertifikati ta' sikurezza jew tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza aktarx li jibqa' mhux prattikabbi, u fi kwalunkwe każ, din ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx mhux se jkun, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-tiġidid taċ-ċertifikati tas-sikurezza jew tal-awtorizzazzjonijiet tas-sikurezza mhux prattikabbi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attivitàajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 11*

#### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2007/59/KE*

1. Minkejja l-Artikolu 14(5) tad-Direttiva 2007/59/KE, il-liċenzji li kieku kienu skaduti jew inkella li kieku kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xhur mid-data ta' skadenza ta' kull liċenzja bħal din.

2. Minkejja l-Artikolu 16 l-Annessi II u VII tad-Direttiva 2007/59/KE, il-limiti ta' żmien għat-tlestija tal-kontrolli perjodiċi li, skont dawk id-dispożizzjonijiet, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi għal perjodu ta' seba' xhur f'kull każ. Il-liċenzji msemmija fl-Artikolu 14 u c-ċertifikati msemmija fl-Artikolu 15 ta' dik id-Direttiva għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġidid tal-liċenzji jew it-tlestija tal-kontrolli perjodiċi x'aktarx jibqgħu mhux prattikabbi lil hinn mit-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex

jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xhur speċifikat fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, abbażi ta' talba ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġidid tal-liċenzji jew it-tlestija tal-kontrolli perjodiċi x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma jkunx, u x'aktarx mhux sejkun, ikkonfrontat b'diffikultajiet li jrendu t-tiġidid tal-liċenzji jew it-tlestija ta' kontrolli perjodiċi mhux prattikabbli matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali adatti biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol]**. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ma għandux jimpedixxi l-attivitajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

## *Artikolu 12*

### *Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2012/34/UE*

1. Minkejja l-Artikolu 23(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, fejn awtorità tal-liċenzjar tkun għamlet dispożizzjoni għal rieżami regolari, il-limiti ta' żmien għat-twettiq ta' rieżami regolari li, skont dawk id-dispożizzjonijiet, kieku kienu skaduti jew inkella kieku kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew estiżi għal perjodu ta' seba' xhur.

2. Minkejja l-Artikolu 24(3) tad-Direttiva 2012/34/UE, il-validità tal-liċenzji temporanji li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet estiżi għal perjodu ta' seba' xhur mid-data tat-tmiem tal-validità indikata fuq kull liċenzja temporanja.

3. Minkejja l-Artikolu 25(2) tad-Direttiva 2012/34/UE, l-awtorità tal-liċenzjar għandha tieħu deċiżjoni fir-rigward tal-applikazzjonijiet sottomessi bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta'

April 2021, mhux aktar tard minn għaxar xhur wara li tkun ġiet ippreżentata l-informazzjoni rilevanti kollha, b'mod partikolari d-dettalji msemmija fl-Anness III ta' dik id-Direttiva.

4. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq ta' rieżami regolari jew it-terminazzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzji jew il-ħruġ ta' liċenzji ġodda f'każijiet fejn il-liċenzji jkunu ġew revokati qabel x'aktarx li jibqgħu mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika għal estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xhur, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

5. Fejn, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 4, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu, it-terminazzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzji ġodda f'każijiet fejn il-liċenzji jkunu ġew revokati qabel, x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

6. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-twettiq ta' rieżami regolari jew it-terminazzjoni tas-sospensjoni tal-liċenzji ġodda f'każijiet fejn il-liċenzji jkunu ġew irrevokati qabel mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu **qabel [Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri 1-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, ma għandux jimpedixxi l-attività transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 13*

**It-trattament tal-liċenzji tal-impriżi ferrovjarji skont id-Direttiva 2012/34/UE fil-każ ta' nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti tal-kapaċità finanzjarja**

Minkejja l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2012/34/UE, fejn awtorità tal-liċenzjar, abbażi ta' kontroll imsemmi f'dik id-dispożizzjoni, imwettaq matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, issib li impiżza ferrovjarja ma għadhiex kapaċi tissodisa r-rekwiżiti relatati mal-kapaċità finanzjarja tajba msemmija fl-Artikolu 20 ta' dik id-Direttiva, hija tista', qabel it-30 ta' April 2021 tiddeċiedi li ma tissospendix jew ma tirrevokax il-liċenzja tal-impriżza ferrovjarja kkonċernata, sakemm is-sikurezza ma tkunx f'riskju u sakemm

ikun hemm prospett realistiku ta' rikostruzzjoni finanzjarja sodisfaċenti tal-impriża ferrovjarja fis-seba' xhur ta' wara.

### *Artikolu 14*

#### Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 96/50/KE

1. Minkejja l-Artikolu 6(2) tad-Direttiva 96/50/KE, il-limiti ta' żmien biex persuna tagħmel eżamijiet mediċi li, skont dik id-dispożizzjoni, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew estiżi għal perjodu ta' seba' xhur. Iċ-ċertifikati tas-sidien tad-dgħajjes ta' persuni li huma soġġetti għall-obbligu li jagħmlu eżamijiet mediċi kif imsemmi fl-Artikolu 6(2) ta' dik id-Direttiva għandhom jibqgħu validi kif xieraq.

2. Fejn Stat Membru jqis li t-tlestitja tal-eżamijiet mediċi aktarx li tibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021 minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika għal estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodu ta' seba' xhur speċifikat fil-paragrafu 1, jew it-tnejn. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

3. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 2, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi speċifikati fil-paragrafu 1, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata sabiex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tlestitja tal-eżamijiet mediċi aktarx tibqa' mhux prattikabbli, u fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

4. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu l-konformità mal-limiti ta' żmien biex isiru eżamijiet mediċi mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħha tal-COVID- 19, jew ikun ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqsas dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafu 1. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel [**Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol**]. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafu 1 kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-aktivitajiet transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafu 1 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

### *Artikolu 15*

#### Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva (UE) 2016/1629

1. Minkejja l-Artikolu 10 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-validità taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna, li kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandha titqies li hija, jew li ġiet estiżha, għal perjodu ta' sitt xhur.

2. Minkejja l-Artikolu 28 tad-Direttiva (UE) 2016/1629, il-validità tad-dokumenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dik id-Direttiva u li jinħarġu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri skont id-Direttiva 2006/87/KE qabel is-6 ta' Ottubru 2018, li, skont dik id-dispożizzjoni, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandha titqies li hija, jew li ġiet estiżha għal perjodu ta' seba' xhur.

3. Meta Stat Membru jqis li t-tiġidid taċ-ċertifikati tal-Unjoni għan-navigazzjoni interna jew tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex huwa japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 jew il-perjodi ta' seba' xhur spċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew it-tnejn. It-talba għandha tīgi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, abbażi ta' talba ppreżentata f'konformità mal-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat biex japplika estensjoni tal-perjodi spċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tiġidid taċ-ċertifikati tan-navigazzjoni interna tal-Unjoni jew tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li wasslu biex it-tiġidid taċ-ċertifikati tan-navigazzjoni interna tal-Unjoni jew tad-dokumenti msemmija fil-paragrafu 2 ikun mhux prattikabbli matul il-perjodu ta' bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqas dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol]**. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajin dwar dan u għandha tippubblika avviż f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

L-Istat Membru li jkun iddeċieda li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2, kif previst fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu ma għandux jimpedixxi l-attività transfruntiera ta' kwalunkwe operatur ekonomiku jew individwu li jkun iddependa fuq derogi stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2 li japplikaw fi Stat Membru ieħor.

## *Artikolu 16*

Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fir-Regolament (KE) Nru 725/2004

1. Minkejja l-Artikolu 3(6) tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-limiti ta' żmien għat-twettiq tar-rieżami perjodu tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-faċilità portwarja li, skont dik id-dispożizzjoni, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew estiżi sat-30 ta' Ġunju 2021.

2. Minkejja l-Parti B, it-Taqsimiet 13.7 u 18.6, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004, il-limiti ta' żmien ta' 18-il xahar għat-twettiq tad-diversi tipi ta' eżerċizzji li, skont dawk id-dispożizzjoni, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi b'sitt xhur f'kull każ, iżda fi kwalunkwe każ mhux lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2021.

3. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq ta' valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-faċilità portwarja jew tad-diversi tipi ta' eżerċizzji msemmija fit-Taqsimiet 13.7 u 18.6 tal-Parti B tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID- 19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex huwa japplika estensjoni tal-perjodi u l-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, l-iskadenzi jew il-perjodu ta' sitt xhur speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi u tal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-twettiq tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-faċilità portwarja jew tad-diversi tipi ta' eżerċizzji x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-twettiq ta' valutazzjonijiet tas-sigurtà tal-faċilitajiet portwarji jew id-diversi tipi ta' eżerċizzji msemmija fit-Taqsimiet 13.7 u 18.6 tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 725/2004 mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021 bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID- 19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex itaffi tali diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħi qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 17*

Estensjoni tal-limiti ta' żmien previsti fid-Direttiva 2005/65/KE

1. Minkejja l-Artikolu 10 tad-Direttiva 2005/65/KE, il-limiti ta' żmien għat-twettiq tar-rieżami tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà portwarja u tal-pjanijiet tas-sigurtà portwarja li, skont dak l-Artikolu, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-

30 ta' April 2021 għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew, estiżi b'sitt xhur f'kull każ, iżda fi kwalunkwe każ mhux wara t-30 ta' Ġunju 2021.

2. Minkejja l-Artikolu 7(7) u l-Anness III tad-Direttiva 2005/65/KE, il-limiti ta' żmien ta' 18-il xahar għat-tlestita ta' eżerċizzji ta' taħriġ li, skont dak l-Anness, kieku kienu skaduti jew inkella kienu jiskadu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, għandhom jitqiesu li huma, jew li ġew estiżi b'sitt xhur f'kull każ, iżda fi kwalunkwe każ mhux lil hinn mit-30 ta' Ġunju 2021.

3. Meta Stat Membru jqis li t-twettiq tar-rieżami tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà portwarja jew tal-pjanijiet tas-sigurtà portwarja jew it-twettiq ta' eżerċizzji ta' taħriġ x'aktarx li jibqa' mhux prattikabbli wara t-30 ta' April 2021, minħabba miżuri li jkun ħa biex jipprevjeni jew biex irażżan it-tixrid tal-COVID-19, dak l-Istat Membru jista' jippreżenta talba motivata għal awtorizzazzjoni biex japplika għal estensjoni tal-perjodi u tal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2, kif rilevanti. Dik it-talba tista' tikkonċerna l-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, l-iskadenzi jew il-perjodi ta' sitt xhur speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, jew kwalunkwe kombinazzjoni tagħhom. It-talba għandha tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni sa mhux iktar tard mill-1 ta' April 2021.

4. Meta, fuq talba ppreżentata skont il-paragrafu 3, il-Kummissjoni ssib li r-rekwiżiti stabbiliti f'dak il-paragrafu huma ssodisfati, hija għandha tadotta deċiżjoni li tawtorizza lill-Istat Membru kkonċernat japplika estensjoni tal-perjodi u tal-iskadenzi speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 rispettivament, kif iġġustifikat f'kull każ. L-estensjoni għandha tkun limitata biex tirrifletti l-perjodu li matulu t-tlestita tar-rieżami tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà portwarja jew tal-pjanijiet tas-sigurtà portwarja jew it-tlestita tat-taħriġ x'aktarx li tibqa' mhux prattikabbli u, fi kwalunkwe każ, ma għandhiex tkun itwal minn sitt xhur.

Il-Kummissjoni għandha tippubblika dik id-deċiżjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

5. Fejn Stat Membru ma kienx, u x'aktarx ma jkunx, ikkonfrontat b'diffikultajiet li għamlu t-twettiq tar-rieżami tal-valutazzjonijiet tas-sigurtà portwarja jew tal-pjanijiet tas-sigurtà portwarja jew it-twettiq ta' eżerċizzji ta' taħriġ mhux prattikabbli matul il-perjodu bejn l-1 ta' Settembru 2020 u t-30 ta' April 2021, bħala konsegwenza taċ-ċirkostanzi straordinarji kkawżati mit-tifqigħa tal-COVID-19, jew ħa miżuri nazzjonali xierqa biex inaqqsas dawn id-diffikultajiet, dak l-Istat Membru jista' jiddeċiedi li ma japplikax il-paragrafi 1 u 2. L-Istat Membru għandu jinforma lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tiegħu qabel **[Id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament + 5 ijiem tax-xogħol].** Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Istati Membri l-oħrajn dwar dan u għandha tippubblika avviż f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

### *Artikolu 18*

#### *Deċiżjonijiet meħħuda skont ir-Regolament (UE) 2020/698*

Dan ir-Regolament ma għandux jaffettwa d-drittijiet tal-Istati Membri skont id-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni adottati b'konformità mal-Artikoli 2(6), 3(3), 4(5), 11(4), 16(6) u 17(5) tar-Regolament (UE) 2020/698 sa fejn dawk id-deċiżjonijiet jirregolaw, fir-rigward tas-suġġett u l-perjodi ta' żmien rilevanti, l-istess każijiet bħal dan ir-Regolament u jipprevedu estensjonijiet lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament.

Fejn dawk id-deċiżjonijiet jirregolaw, fir-rigward tas-suġġett u l-perjodi ta' żmien rilevanti, l-istess każijiet bħal dan ir-Regolament u ma jipprovdux għal estensjonijiet lil hinn minn dawk previsti f'dan ir-Regolament, għandu japplika dan ir-Regolament.

### *Artikolu 19*

#### **Dħul fis-seħħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn **[XX id-data tad-dħul fis-seħħħ ta' dan ir-Regolament + 8 ijiem tax-xogħol].**

Madankollu, l-Artikoli 2(6), 3(4), 4(6), 5(5), 7(5), 8(5), 9(5), 10(5), 11(5), 12(6), 14(4), 15(5), 16(5) u 17(5) għandhom japplikaw minn **[XX id-data tad-dħul fis-seħħħ ta' dan ir-Regolament].**

L-ewwel, it-tieni u t-tielet paragrafi ta' dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew  
Il-President*

*Għall-Kunsill  
Il-President*